



Ir-Reverendissmu
P. Erminju Roncari, O.F.M.
Fl-14 ta' Mejju li għadda
ġie magħżul
Kustodju ta' l-Art Imqaddsa
Mid-Definitorju Ġenerali
Ta' l-Ordni
U kkonfirmat
Mis-S. Kongregazzjoni
"De Propaganda Fide".

Il-Ħmistax-il-Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1969 | Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

## LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

**QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Il-Ħmistax-il-Sena LULJU - SETTEMBRU, 1969 Għadd 3

X'FIĦ DAN IL-GĦADD

IN-NAR TAĦT L-IRMIED (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... 65

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

Sura Biblika ... ... ... ... ... ... ... ... ... 66
L-istudju Bibliku Franġiskan f'Ġerusalemm ... ... ... ... 70
Iċ-Ċirkumċiżjoni fil-Bibbja ... ... ... ... ... ... ... 74
Fejn mietet il-Madonna (P.M. Catania O.F.M.) ... ... .. 78
Santa Catarina ta' Lixandra (P.G. Governanti O.F.M.) ... ... 83
Min kienet il-Penitenta? (F. Norbert Ellul Vincenti O.F.M.) ... ... 85

**IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA**

Il-Konsagrazzjoni u l-ftuħ tal-Bazilka l-Ġdida ta' Nazzaret ... ... 88
Pawlina tal-Markizi de Nikolay ... ... ... ... ... ... 91
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 94
Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# In-Nar Taht L-Irmied

*Sa minn żmien ilu, fil-Lvant Nofsani kien jidher in-"nar jaqbad taħt l-irmied.' Kull tant żmien, xi xrara jew suffarell kien jittajjar 'l hawn u 'l hinn, li wisq drabi kien iħasseb ħażin lil ħafna, u li kien donnu jrid igarraf lill-bnedmin — ifakkarhom li hu għadu hemm — sabiex, kemm jista' jkun ma jilgħabux man-nar u bla telf ta' żmien jitajru u jferrxu mar-riħ u rmied u ġamar ukoll. Iżda, jaħasra! dawk li kellhom id-dmir u setgħu jwettqu dan, ma ridux jew aktarx ma għarfux it-tifsir heddiedi ta' dawk ix-xrariet imtajra kultant 'il hawn u 'l hinn. Kienu ħasbu aktarx u fehmu li dak in-nar moħbi taħt l-irmied jista' jiswa biex ma jħallix tibred il-politika li huma kienu fasslu, u jgħinhom biex f'xi ħin jkunu jistgħu jwettquha. Kienu nsew dawn li hu ta' tiġrib tilgħab man-nar, ukoll jekk dan moħbi taħt l-irmied. U n-nar lagħabhom: ħadilhom b'idejhom!*

*Mhux iżjed xrar jew suffarelli; mhux aktar nar moħbi taħt l-irmied! Nar tassew, nar ħaj; nar heddiedi mistenni jinfirex daqs leħħa ta' berqa; nar qerriedi li jħarbat, igarraf u jiknes kulma jsib quddiemu. Xegħel u qabad fuq ix-xtut ta' l-Afrika u ta' l-Asja, imqanqal minn mibegħda qadima u ġdida, iħedded li jiżra' ma' kull fejn jista' l-qirda u l-mewt. Hekk hi dejjem kull taqbida: regħba, tqarriq, egojiżmu, tpattija . . . .*

*Aħna ma nħabblux rasna fuq il-politika, u wisq anqas fuq il-wirjiet u x-xeni qarrieqa jew sinċiera, li bihom tinżamm: nistqarru li aħna nżommu ruħna wisq 'il fuq minn din il-ħaġa. Dak imma li jolqotna u dak li jħabbtilna rasna hu, kif il-ħażen, il-qerq u n-nuqqas ta' ħaqq ta' qabda nies politiċi jistgħu jkunu l-kawża ta qirda u ta' mewt, u li l-għatx u x-xenqa tagħhom li jistagħnew tqiegħed f'tiġrib kbir il-għaqda u s-sliema ta' popli u ta' ġnus sħaħ. U sakemm, jaħasra! il-bnedmin għandhom joqgħodu għar-rieda u għar-rewwixti boloh ta' qabda nies xewwiexa ta' bla ebda emmna u ta' bla ebda ġieh? Sakemm, iva, il-qawwa u s-setgħa ta' ftit għandha tkun mibnija fuq il-mejtin u magħġuna bid-demm ta' wlied il-Mulej?*

*U l-aqwa tħassib u biża' tagħna hu li n-nar diġa mqabbad u heddiedi jaqa' fuq il-Palestina: art qadima, imqaddsa u maħqura. Il-Palestina, art qaddisa, magħqad ta' emmna u ta' mħabba, li lejha jħarsu bħala fanal jixgħel ta' spiritwalità u ta' sliema, miljuni ta' nsara, ta' misilmin u ta' Lhud.*

*Jagħmel il-Mulej, li fuq din l-art — li fiha twieled, għix u jmut — il-bnedmin iwarrbu l-mibegħda, jagħarfu lilhom infushom bħala aħwa, jieħdu b'idejn xulxin, u b'hekk, jintefa dak in-nar qerriedi u mferrex mar-riħ, kull xrar u rmied heddiedi. — "Fac sit Deus!"*

*ID-DIREZZJONI.*

## L-Ewwel Taqsima — DAWL

# SURA BIBLIKA

## GUDITTA

Din il-mara, Ġuditta, ta' qawwa u ħeġġa liema bħalhom, u li mhux darba u tnejn ġiet immaqdra mill-fantasija ta' kittieba mitlufin fi ħsebijiethom għariba u żinjużi, u li jitmeżmżu għal dak kollu li hemm l-aktar sabiħ u qaddis fil-Kotba Imqaddsa, hi waħda mill-iżjed għolja u nobbli sura fost in-nisa, li l-Bibbja turina mimlija bl-akbar imħabba ta' Alla u ta' għajrha.

Il-Bibbja tgħarrafna b'din il-Mara Kbira f'dak iż-żmien sewwa sew li fih Assubanipal — Nabukkodonosor — sultan ta' l-Assirja, wara li kien rebaħ lil Medi, dawwar il-gwerra tiegħu lejn ix-Xerq (Orjent) u kien diġa ħakem fuq l-Eġittu. Imma n-nies ta' Iżrael, imħeġġin mis-Sommu Saċerdot Eliacim, ma qagħdulux, imma waqfulu bl-ikreh bħala żeblieh tal-Liġi t'Alla u tal-poplu Tiegħu.

Is-sultan ta' l-Assirja ma qatax qalbu; ħatar lill-Ġeneral Oloferni u amarlu b'għedieb imexxi l-qawwija ġgajta tal-Assirji kontra l-Lhudija; li baqgħet iżżommlu bl-iebes. Oloferni, ġeneral qawwi, kburi u ta' biża' għall-kiefrijietu, b'żeblieh għat-talba li kien għamillu Akjior, mexxej tal-Moabiti, li kien talbu biex ma jmurx kontra l-poplu ta' Alla), Oloferni, iva, b'eżerċitu mill-aqwa daħal fil-Palestina mit-triq ta' Bejsan, minn fejn imbagħad, beda l-attakki tiegħu fuq il-fortizza ta' Betulja (il-lum "Sanur"), pajjiż maħbub ta' Ġuditta. Oloferni waqqaf immela it-tined tiegħu fil-witja ta' Sanur, hemmhekk qiegħed u ferrex l-eżerċitu, u mexa biex idawwar il-belt ta' Betulja bl-assedju, hekk, li mdawwra l-għolja tal-belt u maqtugħa l-għajn waħdanija mnejn ir-raba' kien jissaqqa u l-poplu kien jinqeda, il-Betuljani dlonk fehmu li dalwaqt jiġu fix-xejn il-ħwejjeġ tal-ikel u kull ħaġa oħra meħtieġa għall-għixien. Inxteħtu, għaldaqstant, qishom iddisprati, jitolbu lill-Mulej biex ibiegħed minnhom dan il-gwaj, u b'biki u l-ilfieq marru għand Ożija, prinċep tal-belt, jitolbuh sabiex jiftaħ il-bibien għal Oloferni u jerħi ħakmithom f'idejh biex ma jġarrbux dawk in-niket (Lib. Jud. VII, 1-25).

Din il-qagħda ta' tbatijiet u ta' biża' semgħet bihom ukoll Ġuditta ta' Betulja. Din Ġuditta kienet mara ta' ġmiel u sbuħija li ftit fid-dinja ssib bħalha, kienet ilha sa minn tliet snin u nofs armla minn żewġha, u li dan, kien ħallielha għal wara mewtu, kbir ġid u għana, u għadd kbir qaddejja. Mindu kien miet żewġha hi nagħalqet f'darha tgħix imbegħda mid-dinja, mgħejjuna mill-qaddejja tagħha. Minn kulħadd kienet meqjuma, għax "kellha l-biża' t'Alla, u ebda ħadd ma kellu xi jgħid kontriha" (Judith. VIII, 1-8).

Din waslet taf, li Ożija kien għamel f'rasu li fi żmien ta' ħamest ijiem kellu jitlaq ħakmet il-belt jekk il-qagħda ma tgħaddix għall-aħjar. Ġuditta bagħtet dlonk għall-Ożija flimkien ma' tnejn oħra mill-kbarat tal-poplu u ċanfritu bl-ikreh għax qatagħha li jwelli l-belt. U bi kliem imnebbah mis-Sema wissietu li għandu jafda fil-ħniena tal-Mulej, u hu aktarx għandu jitlob u jħeġġeġ lill-

poplu sabiex bit-talb u bit-tewba jqanqal il-ħniena tas-Sema biex tgħinu jirbaħ fuq l-għadu tal-poplu t'Alla.

Il-Prinċep u l-Kbarat wieġbu għelinja lil Ġuditta: "Xejn ma għedtilna minn dak li ma jixraqx fi kliemek; itlob iżda lill-Mulej għalina għax inti tassew mara qaddisa u tinsa mn'Alla". U Ġuditta, malli għarrfet li dawk il-Kbarat u l-Prinċep kienu għarrfu l-qerq tagħhom u ma kienux iżjed bi ħsiebhom jerħu l-belt lil Oloferni, qaltilhom: "Jiena bi ħsiebni nagħmel li tibqa' tissemma minn ġid għall-ieħor f'uliedna". F'dal-lejl li ġej iftħu **ilbieb il-belt, u** jiena noħroġ imsieħba mal-qaddejja tiegħi. Intkom itolbu ħarqiena lill-Mulej biex nasal inwettaq dak li bih Alla nebbaħni, u fi żmien ħames ijiem, taraw kif Alla jarġa' jżur 'il-ġensu u jimlieh bil-ġid. La tistaqsunix imma fuq dak li bi ħsiebni nagħmel, biss itolbu b'ħerqa kbira lil Alla għalija sal-ħin li nkun wettaqt għamili u tieħdu aħbarijiet". U l-Prinċep Ożija qalilha: "Miegħek is-sliem u 'l-barka u Alla jħarsek minn l-għedewwa". U Ożija telaq u ta amar li bil-lejl jinfetaħ bieb il-belt kif riedet Ġuditta.

* * *

Dak li kellha f'rasha li tagħmel Ġuditta kien ta' erojiżmu u ta' l-ikbar ażżard, mimli minn hawn u minn hemm ta' tiġrib kbir għal persunitha: il-qtil tal-Ġeneral Oloferni, żeblieħi tal-Mulej u tal-Poplu maħtur tiegħu.

It-twettieq ta' dak il-ħsieb kienet ħaġa li donnha ma tistax issir kif ġieb u laħaq! Ġuditta, għalhekk, imtajjar kull ħsieb u kull tama filħwejjeġ tad-dinja, kif imdorrijin jagħmlu l-imkabbrin, inġabret dlonk f'kamritha: raxxet fuq rasha rmied, tħażżmet b'ċiliċju iebes u nġabret kollha kemm hi b'indiema u tama li tiġi mismugħa mill-preżenza t'Alla, u b'talb sabiħ u ħarqien sejħet l-għajnuna t'Alla li jista' kollox u li jagħtiha l-qawwa u l-ħeġġa li taqta' ras l-għadu tal-Mulej u tal-poplu tiegħu (Judith, IX, 54).

Mitmuma t-talba magħmula bl-akbar ħrara, Ġuditta fettxet tlibbes u żżejjen suritha bil-kbir. Xeddet il-libsa tagħha solenni ta' l-akbar ġmiel u ta' ferħ, li kienet telqet għal kollox sa mill-mewt ta' żewġha, inħaslet u ndilket b'ilma ta' fwejjaħ li mill-aktar jinxtammu u, minxut f'xagħrha, imniżżla għal fuq għonqha, libset mitra bi freneż ta' lwien, li kienu jagħmlu minnha Mara ta' kbir ġmiel, nobbli u majestuża. Ħarġet imbagħad id-deheb u l-ġawhar tagħha ta' l-akbar siwi, żżejnet bihom f'għonqha, f'dirgħajha u f'sugħajha: u wkoll il-Mulej kattar sbuħitha, għax dal-ġmiel ma kienx fiha għall-ħażen u ż-żina, imma kien ta' virtù" (Judith, X, 4).

Ħadet għal magħha wkoll ġewlaq mimli bl-ikel biex tiekol minnu u ma taqax jewwilla, biex tiekol l-ikel tal-pagani, u bil-lejl, imsieħba biss minn waħda qaddejja tagħha, imxiet għal bieb il-belt, fejn il-Prinċep u l-Kbarat ta' ġensha kienu mhejjin li jħalluha tgħaddi. Dawn tassew stagħġbu bl-ikreh malli rawha hekk imżejna u sabiħa, imma m'ażżardawx igħidulha kelma, billi kienu żguri li mmexxija mill-biża' t'Alla; biss xtaqulha li 'l-Mulej li jista' kollox igħinha f'dak li kienet sa tagħmel. Ġuditta flimkien mal-qaddejja ħarġet mill-bieb tal-belt titlob għajnuna 'l Alla, il-Kbarat ta' ġensha baqgħu jħarsu lejha sakemm qalbet ix-xaqliba l-oħra tal-għolja, u ma rawhiex iżjed.

Ġuditta, fil-mixi tagħha, għaddiet l-għolja u mixja fil-wita ħamp tal-għadu, dlonk iltaqgħet ma' l-għassiesa tal-Assiri, għal mistoqsijiet li għamlulha, wieġbet (b'qerq li jista' jsir fi gwerra): "Ħrabt minn taħt il-Lhud, għax ma riedux jitilqu l-belt f'idejn Oloferni, u li miegħu nixtieq nitkellem biex ngħidlu u nurih kif għandu jieħu l-belt!" L-għassiesa Assirjani, mitlufin minn dak il-ġmiel ta' mara lhudija: "Għamilt sewwa — qalulha — mur għand il-Ġeneral tagħna, minnu tkun milqugħha tajjeb u fiż-żgur ukoll tkun ħajtek".

Imwassla Ġuditta għand Oloferni, dan, wara ftit qam u qagħad jistennieha f'ġenb ta' kamra tat-tinda tiegħu. Malli ġiet quddiemu, immejla rasha f'qagħda ta' kbira qima, tenniet l-għaliex kienet ħarbet minn taħt il-Lhud, bdiet tfaħħar lil Oloferni u stqarrietlu li mibgħutha minn Alla biex tagħrfu bil-qagħda ħażina tal-belt u l-ħtieġa li għandhom il-Lhud biex ma jbatux u biex jibqgħu magħqudin m'Alla tagħhom. Oloferni qagħad jismagħha u mitluf żieni għall-ġmiel ta' suritha, wiegħda mhux biss il-libertà li talbet, imma wkoll ġieh mill-akbar fil-Qorti tal-Assiri. U waslet taqla' Ġuditta, li tista' tgħammar flimkien mal-qaddejja tagħha barra mill-kamp fejn miżmumin it-teżori ta' l-eżerċitu, toħroġ u tidħol ma' tul iljieli, kif jogħġobha u tidħol maż-żernieq sabiex titlob 'l Alla, biex igħinha fi ħsibijietha. L-għodda li kellha f'idejha biex twettaq dak li ħasbet tagħmel kienu dgħajfin, imma l-Mulej kien magħha, imexxieha f'kull pass.

* * *

Fil-lejla tar-raba' jum, Oloferni stieden għall-mejda miegħu l-armla ta' Betulja: ħsibijietu kienu aktarx żienja: imma Ġuditta, rasha merfugħa 'l fuq fi ħsibijiet tas-sema, rat f'dik l-istedina t-triq tal-Provvidenza li kellha twassalha biex ittemm il-ħelsien ta' ġensha. Ħadet, għalhekk, l-ikel mill-ġewlaq u msieħba mill-qaddejja marret biex tiekol ma' Oloferni. Waqt l-ikel, iżaqqieq ġeneral tal-Assirji, hekk tgħaxxaq u nħall bis-sura ta' Ġuditta, li xorob hekk kotra ta' nbid, li siker u ntilef għal kollox u ġie mirbuħ min-nagħas hekk kbir, li mtedd u raqad ħafna fil-fond. Dak is-suldat li kien jieħu ħsieb il-kamra tas-sodda tal-ġeneral bagħat lil ftit mistednin li kien hemm, u telaq hu wkoll. Ġuditta, imbagħad, li kienet baqgħet waħidha, bagħtet ukoll lill-qaddejja tagħha barra mit-tinda, u bid-dmugħ f'għajnejha, għamlet lill-Mulej din it-talba mill-iżjed li tqanqal: "*Agħtini l-qawwa, O Alla ta' Iżrael, u ħares f'dan il-ħin dak li sa nagħmel sabiex dak li kont wegħidt* (III tas-Slaten IX, 3 — XIX, 34) *ikun għall-ġieh ta' beltek Ġerusalemm, u jiena nasal intemm dak li jiena fhimt hu l-opra megħjuna Minnek*" (Judith, XIII, 7). U qamet, imbagħad, b'ħila u ħeġġa liema bħalha, ħadet f'idejha x-xabla li kienet imdendla ħdejn is-sodda ta' Oloferni u b'żewġ daqqiet ta' dik ix-xabla ħasdet ir-ras tal-kiefer Oloferni, waqt li Ġuditta fehmet b'dak l-att li *qiegħda tagħmel opra ta' leġittma difiża, bis-setgħa ta' l-awtoritajiet ta' Betulja, għal ġid tar-Reliġjon u ta' pajjiżha*".

* * *

Il-Mulej kien żar lil Iżrael! Maħruġa barra mit-tinda, Ġuditta tat ir-ras demmija lill-qaddejja li din dlonk ħbiet fil-ġewlaq, u t-tnejn flimkien qasmu l-wied mingħajr ħadd ta każhom, billi kienu mdorrijin igħaddu minn dak l-imkien; u hekk, fil-qieragħ tal-lejl, telgħu l-għolja,

niżluha u dlonk sabu ruħhom f'bieb il-belt ta' Betulja, milqugħin b'ferħ kbir u ċapċip li jtarrax. Iżda Ġuditta talbet is-skiet, u ħadet f'idejha l-ġewlaq, ħarġet minnu RAS OLOFERNI, u qalet: "*Araw ras Oloferni. L-Anġlu t'Alla ħarisni. Faħħru lill-Mulej u ż-żuLU ħajr għal ħninTU, għax b'idejha qatel lill-għadu ta' ĠensHU, u ma ħallieX li niġi mniġġsa u ħarisni ħa narġa' fostkom mingħajr ebda tebgħa ta' dnub, ferħana li ħlist mit-tiġrib, għax irbaħt fuq l-għadu u għax ħlistkom minn taħt idejn Oloferni*" (Jud. XIII, 19ss). Hawn kulħadd semma' inni ta' ferħ u ta ħajr lill-Mulej u għal kbir ġieh ta' Ġuditta li ħelset il-poplu tagħha ta' Iżrael.

L-għada filgħodu ras Oloferni ġiet imdendla fuq is-swar ta' Betulja u n-nies ta' dik il-belt, kif għamret Ġuditta, urew li nieżlin jaħbtu għall-Assirjani. L-Assirjani mqanqlin minn ħsejjes kbar ta' armi, marru jiġru fit-tinda tal-Ġeneral tagħhom Oloferni, imma sabu biss ġismu mgħarrar fid-demm b'rasu nieqsa minn ġismu. Qam, għaldaqshekk, biża' kbir fost l-Assirjani, li lkoll tawha għall-ħarba mifxulin u mħarbtin mingħajr ħadd ma jaf x'sa jibda jagħmel. Ġrew warajhom dlonk l-Iżraeliti, li dawn tefgħuhom barra mill-Palestina, waqt li ħadu u ġabru kollox dak li ħallew warajhom.

* * *

L-aħbar ta' din ir-rebħa kbira miġjuba fuq il-kiefer Olofreni u l-ġgaj-tiet tiegħu minn Ġuditta, ġagħalet lis-Sommu Saċerdot Eliaċim jiġi f'Betulja minn Ġerusalemm, li flimkien mal-Kbarat taw tifħir kbir lil Ġuditta, umli u qawwija, mara ta' emmna u ta' safa', u li waqt li kienet quddiemhom, ġiet imsellma b'dawk l-għola kelmiet ta' rebħa, li l-Knisja Kattolika tmur tgħid lil Marija Ommna: "Int il-ġieh ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-glorja ta' ġensna".

Dan it-tifħir imwettaq u msieddaq fil-persuna ta' Marija bħala xebba mill-aktar safja u bħala Omm tal-Feddej Ġesù għandu żgur tifsir bissewwa wkoll f'Ġuditta ta' Betulja: fiha tabilħaqq, is-Santi Padri stess raw u stqarrew xebħ u xbieha tax-Xebba Marija, li kollha kemm hija safja saħqet taħt riġlejha ras Luċifru, billi qatt, u qatt, l-anqas għal ħin wieħed biss ma kienet lejh suġġetta, l-anqas bil-ħtija tan-nisel. Xbieha ta' Marija, Ġuditta, minħabba s-safa' tagħha qalgħet qawwa minn Alla li taqta' ras Oloferni, xbieha tal-għadu tal-erwieħ, kif Marija, sa minn qabel ma twieldet rebħet lil Luċifru, iżżejnet b'kull virtù, imxiet f'ħajjitha ma' Kristu Binha u, wara dil-ħajja, b'ruħha u b'ġisimha ASSUNTA ġiet inkurunata Minnu fis-Sema, Reġina tal-Anġli, tal-Qaddisin u tal-bnedmin fl-art u fis-Sema. "*Inti, O Marija, il-ġieh ta' Ġerusalemm; Inti l-ferħ ta' Iżrael; Inti l-glorja ta' ġensna*!

# L-ISTUDJU BIBLIKU FRANGISKAN F'GERUSALEM

Hu magħruf, u ma jistax jiġi miċħud, li l-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa f'kull żmien u dejjem kellha għal qalbha u ħabirket kemm setgħet biex toħloq, iżżomm tajjeb u f'waqthom l-Istudji u l-Qagħda xierqa ta' l-Imkejjen Imqaddsa; u ma tridx wisq biex turi li hi, il-Kustodja, għamlet minn kollox biex tħoll dawn il-problemi iebsin. Minn qabel kulħadd kien P. Nikol minn Poggibonsi '1347-1360), li fetaħ it-triq bl-opra tiegħu "**Libro D'Oltremare**" stampata,, u li tagħha mbagħad saru 60 edizzjoni. Warajh, fl-1485 P. Franġisk Surjanu ħareġ bl-opra l-oħra, "**Il Trattato di Terra Santa**", li hu ta' għerf kbir ħafna fuq il-Palestina. Studju serju ħafna tas-Santwarji u kemm jista' jkun oġġettiv, fl-153: "**Trattato delle piante ed immagini dei Sacri Edifici di Terra Santa**", ippubblika P. Bernardin Amico. U mbagħad, l-opri: "**Elucidadatio Terrae Sanctae**" ta' P. Franġisk Quaresmi (1639), u "**L'Iconographiae Locorum Sanctorum**" ta' P. Eleazzaru Horn (17-5), li llum ukoll jistgħu jiswew bħala sisien żonqrija għall-istudji serji tas-Santwarji tal-Palestina.

Aktar qrib lejna għandna, imbagħad, lil Fra Lavinio Kollman (1822-1898), lil P. Barnaba Maistermann (1850-1923), u lil P. Gawdenzju Orfali, il miet wisq ċkejken fl-1925.

Dawn il-ftit ismijiet ta' kittieba fost il-ħafna oħrajn juruna sewwa kemm u kif, il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa, matul is-seba' mitt sena ta' l-eżistenza tagħha, ngħatat u ħabirket biex tikseb għarfien serju u oġġettiv ta' l-imferrex dominju merħi f'idejha mill-Knisja bħala apostolat minn tagħha.

Tajjeb wieħed jifhem: il-Patrijiet Franġiskani fil-Palestina għandhom qagħda privileġġjata, biex ma ngħidux waħdanija. Dan ġej m'għandniex xi ngħidu, minn ħafna ġrajjiet: minn dak li huma sa minn seba' sekli magħrufin bħala sidien jew kustodji ta' l-Imkejjen Imqaddsa; mill-ħbiberija jew ġibda li għaandhom lejhom l-Għarab, sew insara, kemm Musulmani; minn dak it-tħarriġ li huma wettqu b'għaqal kbir għall-morda, għall-imsejknin u għall-foqra f'dawk l-imkejjen tax-Xerq, u minn ħafna ħwejjeġ oħra. Dan kollu seta' jgħin u għen tabilħċaqq sabiex tinħoloq ħaġa mixtieqa minn kulħadd: il-waqfien ta' ċentru ta' studji u ta' tiftix arkeoloġiku f'Ġerusalem taħt it-tmexxija ta' l-Irħieb Franġiskani.

* * *

**KUNVENT TAL-FLAĠELLAZZJONI**

Mhux darba u tnejn, il-Kustodja fittxet li twettaq bl-għemil dan il-ħsieb; u hekk, fl-1924 intagħżel il-Kunvent tal-Flaġellazzjoni fejn inbdew korsijiet ta' l-arkeoloġija, ta' l-istorja tal-Kustodja u ta' l-istorja tal-monarkija ta' Iżraeli. Biex iwettqu dan ix-xogħol ġew imsejħin professuri ta' isem kbir: P. Gawdenzju Orfali, iben il-Kustodja, professur ta' l-Arkeoloġija, P. Rafel Casali, tal-Provinċja Romana u Professur ta' l-Is-

torja, u P. Adrijanu Malo, tal-Provinċja tal-Kanada, Professur ta' l-Iskrittura. Dan il-kors, mibdi tajjeb u mwassal sa l-1925, kollox kien juri li fil-ġejjieni l-ħaġa kellha timxi aħjar u ż-żerriegħa ċkejkna miżrugħa tajjeb kellha tagħti l-frott bnin tagħha, meta f'daqqa waħda P. Adrianu Malo kien ġie msejjaħ f'Montreal u P. Gawdenzju Orfali ġie maqtul f'inċident tal-karrozzi, fit-triq bejn Kafarnahum u Ġerusalem.

Għalkemm iżda ġara dan kollu u għalkemm kien donnu kollox sa jisfa fix-xejn, l-iżjed billi P. Gawdenzju Orfali kien ir-ruħ ta' li Studium Biblicum tal-Flaġellazzjoni, sewwa sew wara ftit inqas minn sentejn, instab il-mod li dak li kien ġa mibdi għandu jkompli jitwettaq u mqiegħed fuq sisien sodi u qawwija.

## L-ISTITUT BIBLIKU

Fl-1927 kien Kustodju ta' l-Art Imqaddsa r-Rev.mu Patri Awrelju Marotta, li għall-Għid il-Ħamsin ta' dik is-sena kien jinsab f'Santa Marija ta' l-Anġli, f'Assisi, għall-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni Franġiskan, bħala rappreżentant tal-Kustodja. Dan fil-Kapitlu Ġenerali kellu żmien jitlob mill-Kapitolari, "It-twaqqif ta' Skola Biblika" f'Ġerusalem. Qamet fost il-kapitolari tislita kemm xejn twila u, wara li ġiet studjata u miflija tajjeb it-talba tar-Rev.mu P. Kustodju, il-Kapitolari għalenija qablu li għandha titwaqqaf f'Ġerusalem l-"Iskola Biblika Franġiskana". Fid-19 ta' Novembru ta' dik l-istess sena (1927), il-Ministru Ġenerali, ir-Rev.mu P. Bonaventura Marrani, flimkien mad-Definitorju Ġenerali tiegħu, xandar id-digriet tat-twaqqif ta' "L-Istitut Bibliku Franġiskan", u ta' kif għandu jitmexxa.

L-Istitut Bibliku ta' Ġerusalem ġie fl-istess ħin mgħaqqad mal-Kulleġġ Internazzjonali Franġiskan "Sant'Antonio" ta' l-Ordni f'Ruma, li dan għamel, imbagħad, li l-fakultà ta' l-Iskrittura minflok tliet snin (bħalma kienet) tagħmel il-kors tagħha ta' erba' snin: sentejn ta' studju bibliku f'Ruma u sentejn f'Ġerusalem. Ġie mfassal il-programm ta' l-istudji, ġew magħżulin Letturi u Professuri minn ħafna Provinċji ta' l-Ordni, u minn dik l-istess sena, 1927, bdew il-korsijiet regulari li baqgħu sejrin sal-1935.



**L-Istudju Bibliku Franġiskan f'Ġerusalem.**

## ATENEW ANTONJAN PONTIFIĊJU

Sa dan it-tant, il-Kulleġġ Internazzjonali ta' Sant'Antnin, f'Ruma, ġie mgħolli mis-Santa Sede fil-grad ta' Università, bl-isem ta' "Atenew Antonjan Pontifiċju" u, għalhekk, ġiet imneħħija l-fakultà ta' l-Iskrittura, li din ġiet imdaħħla fil-fakoltà fil-kors ta' tliet snin tat-Teoloġija. B'hekk

waqgħet dik ta' Ġerusalem, għalkemm baqgħet sa żmien sena oħra tilqa' fi ħdanha studenti mill-Atenew oAton-janu.

Fis-sena 1940, qamet it-tieni gwerra dinjija: Letturi u Professuri ġew imwarrba mill-Kunvent tal-Flaġellazzjoni, li kien ġie magħmul bħala mkien għar-Reliġjużi Internati Tedeski u Taljani. Iżda, qrib l-aħħar tas-sena 1943, biċċa sewwa mill-kunvent ġiet meħlusa mill-patrijiet internati tal-gwerra, xi Letturi u Professuri setgħu jiftħu mill-ġdid li 'Studium', reġgħu ġew miftuħa l-Mużew u l-Bibljoteka u waslu biex jorganizzaw mill-ġdid il-korsijiet regulari ta' l-istudji.

Mis-sena 1950 'il quddiem, nistgħu ngħidu, kien iż-żmien l-iktar ġieh għal li 'Studium Biblicum Franciscanum'.

U tassew: Letturi u Professuri mill-iżjed ta' ħila ġew mibgħutin mir-Rev.mu P. Ministru Ġeneral ta' l-Ordni u l-istudenti ta' l-Antonianum reġgħu kull sena jiġu jissuktaw l-istudju tal-Bibbja b'korsi ta' studju mill-aħjar. Mill-1950 sal-1960 l-Istitut laqa' fih u temmu l-istudji tagħhom 35 reliġjuż Franġiskan, u għadd ieħor ta' Ordnijiet u Kongregazzjonijiet reliġjużi barranin temmu wkoll il-korsijiet ta' l-istudji tagħhom. 23 professuri oħra barranin tas-Sagra Skrittura temmew l-istudji tagħhom fil-Bibljoteka u ħadu sehem fl-eskursjonijiet arkeoloġiċi.

Mhux ta' min ma jfakkarx li sa minn dik is-sena 1950, il-Letturi ta' l-Istitut Bibliku Franġiskan ta' Ġerusalem ħolqu l-"**Liber Annuus**", li hu mhux ftit imfaħħar u milqugħ mill-istudjużi ta' kull nazzjon minħabba s-serjetà u l-qawwa ta' l-argumenti li jġib kull darba, kif ukoll ta' min ifakkar is-suċċess kbir li kellu l-"**Atlante Biblico**" tar-RR. PP. Letturi Lemaire u Baldi, li tiegħu ġa saru edizzjonijiet bil-Franċiż u bil-Ġermaniż.

Bħala sedi ta' li "Studium Biblicum", il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, b'sagrifiċċju mhux ċkejken, ċediet l-ospizju tal-Flaġellazzjoni, li fl-1928-29 kienet żiedet u bniet fih naħa ġdida. Il-bini kif imkabbar illum għandu, barra mill-pjan t'isfel, żewġ pjanijiet oħra fuq, barra mir-refettorju, kċina, swali għall-iskejjel, u ħwejjeġ oħra. Fih imbagħad 46 kamra mgħammrin sewwa b'kulma jinħtieġ. Fuq il-bini kollu hemm ukoll bejt kbir b'dehra mill-isbaħ tal-belt u tal-ħâra tat-Tempju. Fit-tieni sular, imbagħad, hemm tliet swali kbar għall-iskejjel ukoll.

## IL-BIBLJOTEKA

Fis-sajf ta' l-1959, il-Kustodja ħasbet biex tibni salun ġdid fuq il-bibljoteka l-qadima, li issa qiegħda għal-laqgħat u konferenzi. Il-bibljoteka l-ġdida qiegħda ma' l-ewwel pjan ta' li Studium u li għaliha tgħaddi minn sala kbira ħafna tal-lettura. Hi ħaġa stramba li dawn il-ħwejjeġ hekk meħtieġa għall-Istitut ma sarux sa mill-bidu. Dan iżda ma sarx, u ma setax isir, minħabba li sitt sidien riedu jagħfsu wisq lill-Patrijiet tal-Kustodja biex ibiegħulhom xi art tagħhom.

Kellu, għaldaqshekk, jiċċekken xi ftit il-kunvent billi jittieħdu minnu erba' kmamar u biċċa mill-kuritur biex jista' jsir ir-refettorju u s-sala tal-konferenzi ssir bibljoteka. Imwettaq dan kollu fl-ewwel xhur ta' l-1960, saret il-Bibljoteka l-ġdida u ġiet imsawra sewwa.

Il-bibljoteka l-ġdida hi ta' karattru għal kollox bibliku. B'amar tal-Kustodju u d-diskrettorju tiegħu, il-kotba kollha, ir-rivisti ta' l-Alkeoloġija u l-ġabra sħiħa ta' l-Itinerarji li kien hemm fil-Kunvent ta' San Salvatur, ġew meħudin fil-Flaġellazzjoni, fejn ġiet is-sedi tas-sezzjoni biblika tal-Bibljoteka Ġenerali, li llum fiha aktar minn 9,000 volum u li tirċievi madwar it-80 rivista biblika jew arkeoloġika.

**MUŻEW TA' L-ISTITUT BIBLIKU**

Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, sa mill-1902, kellha diġà mużew arkeoloġiku fil-Vunvent ta' San Salvatur, li fl-1927 ġie meħud fil-Flaġellazzjoni, u li ġie inawgurat fl-1931. Fih 10 swali li fihom il-materjat huwa mqassam f'sezzjonijiet: Greko-Romana, Kristjana, Ebrajka u topografika; u oħra, imbagħad, arkeoloġika tal-Palestina, b'ċeramika taż-żminijiet tal-qedem sal-perijodu Tork, oħra tal-Mesopotanja u sezzjoni oħra ta' l-Eġittu.

Barra minn dik taċ-ċeramika, tal-ħġieġ u tal-bronz, hemm ukoll dik tan-Numiżmatika, xi 10,000 munita antika, li f'dawn l-aħħar snin ġiet miżjuda ħafna, u hi stmata bħala l-aqwa waħda tad-dinja. Hemm ukoll sala b'ġabra tal-Flora u Fawna tal-Palestina. Ta' min isemmi wkoll fl-aħħarnett, iż-żewġ skrizzjonijiet: waħda b'kitba antika Ġeorġjana, u l-oħra b'kitba Aramajka tas-seklu IV Q.K., li kienu nstabu f'Kerak.

Ngħidu wkoll: il-Kustodja tat-Terra Santa fl-1933 ħolqot għaqda ta' Letturi speċjalizzati fl-Arkeoloġija sabiex jagħmlu "skavi, taħfir u tiftix" xjentifiku - arkeoloġiku fl-Imkejjen Imqaddsa, b'hekk illum l-aqwa Mkejjen ġew imseddqa b'dati storiċi u arkeoloġiċi tai-prlm'ordni. L-ismijiet PP. Letturi: Saller, Bagatti, Governanti u oħrajn huma ta' fama kbira għal dawn ix-xogħlijiet kbar u tal-għaġeb.

# FEJN TAĦDEM IL-KUSTODJA MISSJUNARJA TA' L-ART IMQADDSA

Il-Kustodja Missjunarja ta' l-Art Imqaddsa, kif jafu sewwa l-ħbieb tagħna, hi mferrxa u taħkem mhux biss fuq l-hekk imsejħa art tal-Palestina — l-Istat ta' Iżrael u fin-naħat kollha l-lum maħkumin mis-suldati ta' Iżrael — iżda wkoll dawk il-pajjiżi ta' qrib il-Libnan, is-Sorija, il-Ġordan, l-Eġittu u l-gżira ta' Ċipru. Id-differenza fil-lingwa, fi drawwiethom u fl-imġiba ċivili u reliġjuża tagħhom dawn il-pajjiżi joħolqu — bħalma wieħed malajr jista' jifhem — tfixkil mhux żgħir għax-xogħol u l-ħidma missjunarja tal-Franġiskani ta' kull pajjiż minnhom, iżda l-Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa, minħabba l-internazzjonalità tagħhom dejjem setgħu jaqdu sewwa l-għan ewlieni tal-missjoni tqila li lilhom hi mogħtija mill-Knisja Kattolika.

# IC-CIRKUMCIZJONI FIL-BIBBJA

Bosta jistaqsu: "X'inhi din iċ-Ċirkumċiżjoni? Kif issir, u xi tfisser? Meta, u għaliex il-Mulej amarha lil ġensu, lill-poplu Lhudi?" Dawn il-mistoqsijiet, ma għandniex xi ngħidu, tistħoqqilhom tweġiba, li aħna beħsiebna nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex naqdu lill-qarrejja tagħna.

Qabel xejn, il-kelma **Ċirkumċiżjoni** mhix kelma Maltija, iżda hija kelma Latina, mgħaqqda maż-żewġ kelmiet **cirium cidere,** li jfissru **taqta' dawra,** jew aħjar **taqta' madwar.** Dan l-isem, iżda, juri aktar il-mod li bih issir iċ-ċirkumċiżjoni, milli x'inhi fiha nnifisha. U billi d-drawwa taċ-ċirkumċiżjoni bdiet u l-aktar hi mxerrda fost in-nies tax-Xerq, l-isem li kellha sa mill-bidu, u li juri x'inhi u xi tfisser, għandu jkun ta' nisel Xerqi.

Il-kelma Maltija **Ħtin — Ħatna — Taħtan,** li għandha nisel x'aktarx mill-ilsien Arami, toqgħod ħafna biex tfissrilna x'inhi, kif issir u xi tfisser iċ-Ċirkumċiżjoni, u li aħna hawnhekk, fid-dawl tal-Bibbja, beħsiebna nitkellmu fuqha.

## X'INHU L-ĦTIN? U META BDIET ID-DRAWWA TIEGĦU?

Il-ħtin hu għamla ta' rit imxerred fit-twettiq tiegħu fost ħafna ġnus tad-dinja l-qadima u tad-dinja tal-lum. Il-qedem ta' dan ir-rit għarib jilħaq sa minn bosta sekli qabel Kristu, għax diġà sa mis-seklu VII Q.K. insibu xhieda tiegħu fil-profeta Ġeremija, li jgħid hekk: "Ara, jiġi żmien, igħid il-Mulej, li nħaqqaqha ma' dawk li huma maħtunin **biss** fil-ġisem: L-Eġit-



**Is-siġra antika ħafna tat-tamarino, li taħtha Ġożwe, wara li għadda x-xmara tal-Ġurdan, amar li jsir il-ħtin (iċ-ċirkumċiżjoni) tal-Lhud kollha.**

tu, Guda, Edom, ulied Ammon, Moab u dawk kollha li jitqarwżu b'dawra ma' rashom u li jgħixu fil-barra, jiġi-fieri l-Għarab'' (9: 24, 5).

Fl-Eġittu l-Ħtin kien sa mill-ewwel imperu tal-qedem: il-Kbarat tas-soċjetà, saċerdoti u dawk ta' demm għoli kienu jinħatnu; u Erodotu jgħarrafna (II, 104) li l-Ħtin intiret mill-Eġittu fin-nies tal-Feniċja u f'dawk tas-Sorija, li huma fil-Palestina, sewwa sew kif l-Eġizzjani min-naħa tagħhom infushom kienu wirtuh aktarx minn dawk ta' l-Etjopja. Minn dawk ta' l-Etjopja aktarx ħaduh ukoll l-Għarab, li fosthom il-Ħtin kien sa minn qabel Mawmettu: dan mhux biss ma amarx il-Ħtin, imma lanqas biss semmih fil-Quran.

Il-lum is-seba' waħda mill-popolazzjoni tad-dinja għandhom id-drawwa li jinħatnu. Huma ħafna mit-tribù ta' l-Afrika, fosthom ukoll xi Nsara l-iżjed ta' l-Abissinja, u mhux minn dawk ta' l-Awstralja, tal-Polinesja, ta' l-Amerika u ta' l-Asja.

## KIF ISIR IR-RIT TAL-ĦTIN

Kif ġà għidna, is-seba' parti mill-popolazzjoni tad-dinja għandha d-drawwa ta' dan ir-rit tal-Ħin, iżda mhux kulħadd u kullimkien iwettquh bl-istess għamla.

Hu mxerred ħafna qalb il-popolazzjonijiet il-Ħtin tas-subien, ta' l-irġiel; dan isir bil-qtugħ tal-prepuzju, jew b'xi qasma ma' tulu. Hu inqas komuni l-Ħtin fost in-nisa, li jsir b'tiċrita jew bil-qtugħ tal-klitoride.

Il-għorrief ifittxu l-għan ewlieni ta' dan ir-rit għarib u, fost l-oħrajn, Erodotu jgħid li ''l-għan tal-Ħtin huwa l-Indafa''; iżda llum wisq ftit huma dawk li jħaddnu din il-fehma. Oħrajn imbagħad f'dan ir-rit isibu jew għan **''Sagrifikali''**, bħala debħa ta' qima għad-divinità, jew għan **''soċjali''** bħala għelm ta' dħul il-bniedem fis-soċjetà.

## IL-ĦTIN: RABTA QADDISA BEJN ALLA U IŻRAELI

Kien x'kien il-għan ewlieni tal-ħtin fost il-ġnus atd-dinja, għal-Lhud iżda kien ta' ħtieġa qaddisa liema bħalha. Kien Alia nnlfsu li amar il-Ħtin lil Abram, meta kellu 99 sena, u lil dawk li kienu minn niesu; dan Alla għamlu bħala patt u fl-istess ħin bħala għelm tar-rabta reliġjuża bejnu u bejn il-poplu minnu magħżul. **''Aħtnu ġisimkom bħala għelm ta' rabta bejni u bejnkom. F'egħluq it-tmint ijiem mit-twelid jinħatan kull tifel sew jekk jitwieled f'darkom minn demmkom, sew ukoll minn demm barrani. Kull sabi mhux maħtun, li ma qatax il-prepzju minn ġismu, jiġi mwarrab mill-poplu tiegħi''** (Esodu 17: 11).

Dan il-amar, mela, li kull sabi għandu jinħaten wara ftit jiem li jitwieled, kien juri r-rieda t'Alla, li kull Iżraelita għal ħajtu kollha jiġi konsagrat 'l Alla, u b'dak ir-rit jew ċerimonja tal-Ħtin dlonk jidħol jieħu sehem fix-xirka reliġjuża ta' Iżrael.

Il-għedieb imhedded mil-liġi għal min jonqos mill-amar tal-Mulej, għal kull Iżraelita kien iebes u aħrax ħafna; il-kelmiet **''jiġi mbarri mill-poplu tiegħi''** kienu jfissru bħallikieku skomunika, jew mewt ċivili u f'xi każi wkoll mewt vera tal-ġisem.

Madankollu, wara li l-Lhud kienu ħelsu u ħarġu mill-jasar ta' l-Eġittu, dawk li twieldu waqt il-mixi tagħhom fid-deżert ma ġewx maħtunin; u aktarx għalhekk Alla bħala kastig tarrewwixta ta' Kades, kien amar li jitneħħa dak ir-rit li kien għelm u seddqa tar-rabta tiegħu mal-Lhud. Maħlula u mwarrba dik ir-rabta bejn Alla u l-Lhud, dawn ġew bħala skomunikati u mifrudin mill-Mulej Malli iżda

waslu biex jidħlu fl-Art Imqaddsa, lilhom imwiegħda, Alla amar lil Ġożwè biex "**isawwar skieken tal-ħaġar u jwettaq mill-ġdid il-ħtin ta' wlied Iżrael**" (5: 2). U b'hekk iġġeddet ir-rabta bejn Alla u l-poplu Tiegħu.

Iżda l-akbar u l-aqwa ħtieġa li kienet tistħoqq lill-Ħtin ġiet magħrufa u mogħtija mill-popluL hudi "**Wara ż-żmien tal-jasar, wara l-Eżilju**": il-Lhud biex iwettqu dan ir-rit kienu jġarrbu saħansitra l-istess mewt (Ara I Mak. 1: 36; II Mak. 6: 10). Fis-sena 167Q.K. mitmuma l-persekuzzjoni ta' Antjoku Epifani IV, il Ħtin u l-ħarsien ta' Jum is-Sibt, hekk għolew fil-ġieh quddiem għajnejn il-poplu, li kienu stmati bħala "ġejjin mis-sema." U wkoll, xi 100 sena q.K. il-kittieb ta' l-Apokrifu "Ktieb tal-Ġublew", kiteb: "**Ukoll l-Anġli tas-sema huma maħtunin**" (15: 27).

## FORMALIŻMU FIR-RIT TAL-ĦTIN

Bħalma dejjem u f'kollox aktarx jiġri, biż-żmien u qajl qajl, il-biċċa l-kbira tal-poplu Lhudi, ma bdietx tagħti każ **ta' l-element spiritwali** li kellu dejjem ikun imsieħeb ma' l-element materjali fir-rit tal-Ħtin biex dan jieħu l-ħajja u jkun siewi, u jiġi milqugħ minn Alla; kienu nsew il-Lhud li l-qtugħ tal-prepuzju, ħaġa moqżieża, kienet biss għelm ta' l-indafa tal-qalb, li kellha sseħħ bil-ħarsien tal-liġi. Minn ħafna Lhud dak ir-rit kien magħruf qisu bħala att mogħni minnu nnifsu b'virtujiet i nfallibbli, li bil-ħtin jiġu mogħtija lill-bniedem. U tassew, jingħad li **'l hemm Abram joqgħod f'bieb l-infern u ma jħalli qatt li xi Iżraelita maħtun jinżel fih; jekk imbagħad, qatt xi ħadd ma jkun jistħoqqlu li jsalva ruħu, qabel ma jinżel fl-infern, il-patrijarka Abraham b'miraklu jħassar minnu qabel xejn kull sinjal ta' ħtin**" Gen. Rabba, XLVII, 8).

Din il-fehma qarrieqa tal-Lhud fuq is-siwi tal-Ħtin ġiet dejjem miċħuda, l-iżjed mill-Profeti, li kienu jtambru bil-qawwa kollha u bla hedu fuq **Ħtin il-widnejn u Ħtin il-qalb.** "**Itħatnu f'isem il-Mulej u qaċċtu l-prepuzji tagħkom minn qalbkom, O nies ta' Ġuda u intom li tgħammru f'Ġerusalem, sabiex ma tinfexx qillti f'nar qerriedi**" Ger. 4: 4; u ara wkoll 6: 10; 9: 25; Eż. 44: 7; Atti 7: 51).

## FEJN U MINN MIN ISIR IL-ĦTIN

Il-Ħtin isir jew f'dar il-familja, jew fis-Sinagoga, quddiem mill-inqas għaxar xhieda. Jithejjew għal dan ix-xogħol żewġ pultruni jew siġġijiet sbieħ: waħda għall-kap tad-dar u l-oħra għall-Profeta Elija, li kif jemmnu l-Profeta Elija jkun hemm iħares dak ir-rit jew ċerimonja. Ministru speċjali jew l-istess missier tat-tfajjel, waqt li jaqta' jew iċarrat il-prepuzju, igħid din it-talba: "**Ikun imbierek il-Mulej Alla tagħna, li qaddisna bil-amar tiegħu u tana l-Ħtin Imqaddes.**"

Missier it-tarbija, li f'dan qatt ma jista' jonqos, iwieġeb: "**Il-Mulej Alla tagħna, li tana l-grazzja li ndaħħlu lil dan l-iben tagħna fl-allejanza ta' missierna Abram**". U dawk kollha li jkunu hemm iwieġbu: "**Imbierek dak li int għażilt bħala iben**" (V.M.B.B., p. 290).

M'għandux wieħed jinsa: meta Alla waqqaf il-Ħtin fil-persuna ta' Abram, lil dan kien ukoll bidillu ismu; għalhekk daħlet id-drawwa lil dak li jinħaten ituh ukoll l-isem. Ukoll l-Iben Waħdieni t'Alla qagħad għall-Ħtin, tmint ijiem wara li twieled, u tawh l-isem ta' Ġesù, bħalma kien ġie msejjaħ mill-Anġlu minn qabel ma niżel u sar bniedem" (Luqa 2: 2).

## IL-ĦTIN MAGĦMUDIJA

Ħafna teoloġi jgħallmu li bir-rit tal-ħtin kienet tiġi nfusa l-grazzja qaddisa, billi b'dak ir-rit it-tarbija kienet tiġi mdaħħla fil-"**poplu ta' dawk li jemmnu**". Iżda wieħed għandu jiftakar li dak ir-rit sagru ma kienx iġib dak l-effett **minnu nnifsu** "posito ritu", bħalma fis-Sagramenti tal-Liġi l-Ġdida, imma biss "bħala ombra tal-magħmudija". Sewwasew bħalma d-demm imxerred fuq l-egħtiebi tal-bwieb tal-Lhud, fl-Eġittu ma ħelisx mill-mewt lill-primoġeniti **minnu nnifsu,** bil-qawwa tiegħu nnifsu, imma biss għax kien figura tad-**Demm tal-Ħaruf bla tebgħa, Kristu.**"

Il-amar tal-Ħtin kien jiswa biss sakemm Ġesù Kristu waqqaf minfloku l-Magħmudija (Atti 15: 5-29).

San Pawl kiteb hekk lill-Kolossin: "Bil-għaqda ma' Kristu fil-Magħmudija, l-Insara jwettqu l-vera Ħatna, maħluqa minn Kristu nnifsu. Għax fih tgħammar il-milja kollha tad-divinità, fil-ġisem, u marbutin miegħu, intom għandkom mill-milja tiegħu. Fih intom kontu maħtunin, bi ħtin mhux magħmul bl-id, bit-tneħħija ta' ġisimkom tal-laħam, bil-Ħtin ta' Kristu. Midfunin miegħu bil-Magħmudija, qomtu wkoll miegħu bil-fidi fil-qawwa t'Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet. Lilkom li kontu mejtin miegħu u ħafrilkom dnubietkom kollha" (2: 11-12).

# SEJĦA GĦALL-VOKAZZJONIJIET MISSJUNARJI FL-ART IMQADDSA

San Franġisk d'Assisi, sewwasew 750 sena ilu (fl-1219), kien telaq ibaħħar bħala xandari ta' Kristu u niżel fl-art tal-marsa ta' AKRI (fix-Xerq), fejn minn hemm Uliedu, Irħieb Franġiskani, xterdu mal-Palestina kollha, fl-Eġittu, fil-Libnan, fit Turkija, f'Ċipru, u, saħansitra fl-imbegħda Armenja, fejn baqgħu u għadhom sal-lum. F'dawn l-imkejjen huma għarrfu lil Ġesù, żammu l-Knisja ta' Ruma, fetħu skejjel, imkejjen għall-morda, għall-għorba u għall-imsejknin; u ma' kullimkien ipprietkaw il-paċi, waqt li huma ppersegwitati u maqtula.

Missjoni kbira u mferrxa, bħalma hi din ta' l-Art Imqaddsa, titlob personal kbir fil-għadd: mhux anqas minn 500 patri missjunarji Franġiskani. Nitolbu 'l Alla, għalhekk, biex jibgħat żgħażagħ ġodda fi ħdan l-Ordni Franġiskan biex ikunu jistgħu jissuktaw il-Missjoni tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa mibdija minn Franġisku u mwassla minn Uliedu, l-Irħieb Franġiskani, saż-żmenijiet tal-lum.

# IS-SANTWARJI TAL-PALESTINA:
# FEJN MIETET U FEJN GIET MIDFUNA MARIJA SS. MA?

X.

FIS-SENA 1852 Klement Brentano ppublika "Il-Ħajja tal-Madonna", kif ġiet lilu ddettata mis-Soru Agostinjana Katerina Emmerich (+1820), li qalet li ġiet lilha murija fil-viżjonijiet straordinarji tagħha. Il-pubblikazzjoni ta' din il-ħajja tal-Madonna qanqlet fost l-istudjużi problema serju, li aħna nistgħu niġbruh f'mistoqsija qasira: "Fejn mietet u fejn ġiet midfuna l-Madonna?" Fil-ħajja ta' Emmerich jingħad li l-Madonna għaddiet l-aħħar jiem ta' ħajjitha ma' l-Appostlu San Ġwann fil-belt ta' Efesu, fejn ukoll mietet u ġiet midfuna. It-tradizzjoni kważi unanimi tal-kittieba u ta' l-ewwel insara żżomm li Marija Santissima għexet flimkien ma' l-Appostlu San Ġwann f'Ġerusalem, fejn mietet u fejn ukoll ġiet midfuna sakemm ġisimha ġie mtella' mill-anġli fis-sema.

F'dan id-daqsxejn ta' artikolu rridu niflu sewwa dawn l-affermazzjonijiet qabel ma ngħaddu biex nitkellmu fuq iż-żewġ Santwarji li jinsabu f'Ġerusalem u li jridu jfakkru tabilħaqq il-ġrajja tal-mewt u tad-difna tal-Madonna.

**IL-VANĠELU U L-MADONNA**

Nibdew biex ngħidu li l-Vanġelu Mqaddes ma jagħtina l-ebda ħjiel sabiex naqtgħu din il-kwistjoni storika, għax kif kulħadd jaf huwa jżomm skiet perfett fuq l-aħħar snin tal-ħajja ta' Marija SS.ma. U dan is-skiet ma jgħaġġibniex, għax ftit u xejn tkellmu l-Evanġelisti fuq il-Madonna. L-ewwel żewġ kapijiet tal-Vanġeli ta' San Luqa u San Mattew ipoġġu lill-Madonna bħala l-figura ċentrali ta' l-istorja tagħhom. Imma mbagħad ftit jew xejn. It-tliet Sinottiċi jsemmu l-fatt kurjuż ta' meta xi ħadd resaq lejn Ġesù u qallu li ommu u ħutu xtaqu jkellmuh u li Ġesù weġibhom li ħutu u ommu huwa min jagħmel ir-rieda t'Alla (Mark 3, 31-35; Matt. 12, 46; Luqa 8, 19); San Ġwann ikellimna fuq il-preżenza ta' Marija fit-tieġ ta' Kana (Ġov. 2, 1-13) u fuq il-Kalvarju ibid. 11, 25-27). Imbagħad San Luqa fl-Atti ta' l-Appostli jtarrfilna li Marija SS.ma kienet tinsab miġbura flimkien ma' l-Appostli fiċ-Ċenaklu meħdija fit-talb tistenna l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu (Atti ta' l-Appostli, 1, 14), u xejn aktar

Mela l-istorja u t-tradizzjoni jridu jsibu tarf ta' dawn il-problemi. Xi ħadd li qara l-ħajja tal-Madonna ta' Emmerich fittex li jagħti sura xjentifika lill-għajdut tagħha. Hekk għamel is-saċerdot Gouget li fl-1881 mar personalment f'Efesu biex jara jekk id-deskrizzjoni tal-belt, kif mogħtija minn Katerina, taqbilx perfettament mar-realtà u sab li taqbel. Mons. Timoni kiteb li f'Penaghia Kapuli, belt li qiegħda xi sitt mili 'l hemm minn Efesu, instabu l-fdalijiet ta' dar li aktarx kienet dik tal-Madonna.

Għalina dawn ir-raġunijiet weħidhom ma jaslux iwaqqgħu t-tagħlim li skond Heidet-Pirot jaqbel għal kollox "mal-kronoloġija, l-arkeoloġija, it-topografija, il-ġeografija u mal-konklużjonijiet ċerti ta' l-istorja u ta' kull xjenza pożittiva." Għalhekk l-aqwa esegeti u storiċi ekkleżjastiċi, bħal Lagrange, Duchesne, Le Camus iżom-

nu li Marija SS.ma mietet tassew ġo Ġerusalem, ġiet midfuna ħdejn il-Ġetsemani, u minn hemm ittajret għassema.

**IL-MADONNA U ĠERUSALEM**

Se nġibu xi ftit mir-raġunijiet li minħabba fihom inżommu aħna wkoll din it-teorija. U l-ewwel raġuni hija ta' **xejra psikoloġika.** Kif seta' jkun qatt li Marija SS.ma titbiegħed minn dik il-belt imqaddsa ta' Ġerusalem, fejn personalment kienet xhieda tat-tbatijiet u tal-mewt ta' Binha Ġesù?

ma jitwemminx. Issa dawn il-kotba jitkellmu, a) fuq l-aħħar snin tal-ħajja tal-Madonna li hija għaddiet fil-belt ta' Ġerusalem fost il-qima u l-imħabba ta' l-ewlenin insara; b) fuq il-mewt tagħha li ġrat probabbilment fuq il-muntanja ta' Sijon, ħdejn iċ-Ċenaklu; c) fuq l-Appostli li kienu madwarha waqt il-mewt tagħha; u d) fuq id-dfin tagħha ħdejn il-Ġetsemani.

Din il-kitba taqbel ħafna max-xhieda ta' ħafna pellegrini li marru fis-sekli V u VI iżuru l-qabar tal-Madon-



**Il-qabar fil-Ġetsemani fejn ġiet midfuna l-Madonna u li minnu telgħet is-Sema bir-ruħ u l-ġisem.**

Irridu naħsbu li hija qatt ma setgħet tinfatam minn dik it-triq tal-Passjoni, li hija ta' sikwit kienet iżżur u li tat bidu għal dik id-devozzjoni qaddisa li llum aħna nsibu bl-isem ta' Via Sagra?

**It-Kotba Apokrifi Marjani,** li jlaħħqu mal-għoxrin u li huma miktuba b'ilsna differenti, bħal ngħidu aħna s-Sirjak, il-Koptu, il-Grieg, l-Armen, u li xi wħud minnhom huma qodma ħafna għax jaslu sas-seklu III, jagħtuna ċertu fond storiku li ma jistax

na fil-wied ta' Ġosafat, ħdejn il-Ġetsemani, imqiegħed fil-knisja mibnija fuqu. Forsi wieħed jistagħġeb kif din it-tradizzjoni ma tibdiet mill-ewwel żmien wara l-mewt tal-Madonna. Imma għandna nkunu nafu li dawn iż-żewġ postijiet storiċi sa mill-qedem-nett waqgħu f'idejn il-komunità Lhudija - Nisranija tal-Palestina, li kienet miżmuma bħala eretika mill-Knisja, u għalhekk ħadd mill-ewlenin insara ma kien imur iżur dawn il-postijiet imqaddsa.

Xi ngħidu fuq il-fdal ta' dik id-dar ta' Panaghia Kapuli li ġiet identifikata bħala d-dar tal-Madonna? Ngħidu li ma huma fdal xejn ta' dar ta' l-ewwel seklu, imma huma l-fdal ta' knisja Bizantina.

kiteb lill-Efesini bejn is-snin 61-63, u lil Timotju bejn is-snin 64-67 ma jsemmu xejn lil San Ġwann. San Pawl ma kienx se jagħżel lil San Timotju Isqof ta' Efesu, kieku Isqof ta' dik il-belt kien San Ġwann.



**L-ASSUNTA fil-qawma Tagħha bir-ruħ u l-ġisem mill-qabar tal-Ġetsemani.**

San Ġwann mar tassew Elefu u għammar hemm. Imma dan sar żgur wara s-sena 67 wara l-mewt ta' l-Appostlu San Pawl, u għalhekk żgur wara l-mewt tal-Madonna. L-Atti ta' l-Appostli jissopponu li l-Evanġelista San Ġwann kien għadu Ġerusalem fis-sena 50, filwaqt li l-Ittri li San Pawl

**FEJN MIETET IL-MADONNA**

Minn dak li ktibna s'issa wieħed malajr jinduna li l-Madonna ma ġietx midfuna fejn mietet. Il-Madonna mietet ħdejn iċ-Ċenaklu, fejn għexet sa minn dawk il-jiem li hija flimkien ma' l-Appostli għammret tistenna l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu. San Sofronju,

Patrijarka ta' Ġerusalem (634-638), kiteb li hu nxteħet għarkobbtejh iqim il-ġebla li fuqha mietet il-Madonna. Hemm inbniet daqsxejn ta' kappella. Meta l-Kruċjati daħlu Ġerusalem hemm bnew Bażilika kbira u f'waħda min-navati tagħha tellgħu kappella fejn it-tradizzjoni żammet li mietet il-Madonna. Biż-żmien kemm minħabba l-persekuzzjonijiet, kemm minħabba l-liġijiet ħorox tal-Misilmin, din in-naħa tal-Bażilika tal-Kruċjati ġiet minsija għal kollox u lanqas ħasbu biex jerġgħu jibnuha meta r-Reġina Sanċja ta' Napli riedet minn butha tibni mill-ġdid il-Bażilika taċ-Ċenaklu. Meta l-Imperatur tal-Ġermanja, Guliermu II, mar fl-1989 iżur l-Art Imqaddsa tal-Palestina huwa xtara dik il-biċċa art fejn, skond it-tradizzjoni, kienet mietet il-Madonna u taha bħala rigal lill-kattoliċi Tedeski. L-Għaqda "Pro Palestina" ta' Kolonja ħadet ħsieb fl-1900 tibda tibni Bażlika kbira fuq l-istil tas-Santwarju ta' Aix-la-Chapelle, b'arkitettura romantika għall-aħħar fuq disinn tal-perit Neriku Renard ta' Kolonja. Il-knisja ta' fuq għandha l-abside, il-paviment u l-kappelli tal-ġenb kollha mżejnin bil-mużajk sabiħ u b'opri tal-bronz li ġew disinjati minn żewġ Patrijiet Benedittini, P. Radbord Commandeur u P. Mawrizju Gisler, u mwettqa miċ-ċelebri możajċista Bernardu Gauer. Fil-kripta, fin-nofs eżatt quddiem l-artal tal-mewt ta' Marija, hemm l-istatwa kollha rħam ta' Marija fir-raqda tal-mewt, kif pinġiha P. Radbord Commandeur u kif ġiet skolpita minn Fr. Xmun ta' Marija Laach. Din il-Bażilika, flimkien mal-kunvent ta' ma' ġenbha, qiegħda f'idejn il-Patrijiet Benedittini ta' Beuron, li ħadu ħsieb jerġgħu jibnuha mill-ġdid wara li ġarrbet ħsarat kbar bil-bumbardamenti ta' l-aħħar gwerra.

## IL-QABAR TAL-MADONNA

Is-Santwarju l-ieħor li minnu rridu nitkellmu huwa l-knisja fejn jinsab il-qabar tal-Madonna, imsejħa għalhekk il-Knisja ta' l-Assunzjoni, biex tasal għaliha trid taqsam il-wied taċ-Cedron, iddur ma' idek ix-xellugija biex iġġib quddiemek bieb ta' knisja li ma hi knisja xejn għax il-bieb jagħti għal bitħa kbira, fejn issib portiku, tinżel 48 tarġa kbar u mdallmin li jdaħħluk f'wasgħa kbir fejn hemm il-kappella li taħbi l-qabar li laqa' l-ġisem tal-Madonna qabel ma ttajjar għas-sema.

L-ewwel knisja fuq il-qabar tal-Madonna aktarx ġiet mibnija qabel is-sena 431, sena li fiha nżamm il-Konċilju ta' Efesu, għax il-**Breviarius** ta' Ġerusalem, li ġie miktub qabel is-snin 417-439, igħidilna li fil-wied taċ-Ceddon "tidher il-Bażilika ta' Santa Marija, li fiha l-qabar tagħha". F'din il-knisja San Ġwann Damaxxenu (+754) żamm it-tieni prietka tiegħu fuq il-mewt tal-Madonna u t-tlugħ tagħha fis-sema. Billi din il-knisja kienet mibnijata ħt l-art, kif jidher mill-kwantità ta' tarġ biex tilħaqha, ftit u xejn ġarrbet ħsara matul il-gwerer Persjani. Imma dak li ma ġarax matul dawn l-invażjonijiet, ġara fi żmien ir-Re Hakem (1010). Meta daħlu l-Kruċjati f'Ġerusalem, huma fittxew li jsewwu l-ħsara tal-knisja, u għalhekk bnew ukoll monasteru għall-Benedittini ta' Cluny. Metad awn il-patrijiet telqu minn Ġerusalem, il-monasteru tagħhom ġie mwaqqa', imma l-knisja baqgħet sħiħa għax ukoll il-Musulmani kellhom qima u rispett kbir lejn il-Madonna.

## IL-FRANĠISKANI U L-KNISJA TA' L-ASSUNZJONI

Fis-sena 1363 il-Knisja tal-Madonna waqgħet f'idejn il-Patrijiet Fran-

ġiskani. Imma, kif ġara tista' tgħid fl-istorja ta' Santwarji oħra, bl-intrigi tax-Xiżmatiċi, huma ġew imkeċċija minn dan is-Santwarju għal kollox fl-1757, meta l-knisja għaddiet f'idejn il-Griegi, l-Armeni u l-Abissini.

Il-qabar tal-Madonna qiegħed f'kappella kwadra b'koppla li bilkemm tidher minħabba d-dlam li hemm. Il-faċċata tal-kappella li tinsab moħbija wara artal li qiegħed f'idejn il-Patriħlu jżuruha u jgħidu hemm ħames Pater Nostri.

Għidna li biex tinżel iżżur il-kappella fejn jinsab il-qabar tal-Madonna trid tinżel taraġ twil u wiesa' u fuq kollox mudlam. Il-Patri Grieg li jkun għassa mal-bieb tal-knisja jagħtik xemgħa żgħira biex tkun tista' tinżel ħieles dan it-taraġ. Issa matul iż-żmenijiet, 'l hinn u 'l hawn ġew mibnija xi kappelli żgħar dedikati lil xi Qad-



**Is-Santwarju fuq l-għolja tas-Sijon fejn mietet il-Madonna.**

jiet Armeni, għandu fin-naħa tal-lemin bieb ċkejken u baxx ħafna, li minnu trid tidħol biex iżżur il-kappella. Bilkemm tilqa' erba' jew ħames persuni. Quddiem il-bieb sewwa hemm artal żgħir miksi bl-irħam. Dan hu l-qabar tal-Madonna. Il-ħitan tal-kappella huma mżejna bid-damask, imma fin-naħa t'isfel għadu jidher il-blat. Il-kappella qiegħda f'idejn il-Patrijiet Griegi, u l-Patrijiet Franġiskani għandhom biss il-jedd li darba fis-sena jiddisin. Fosthom insemmu l-kappella tal-Patrijarka San Ġużepp, minn fejn kont tidħol għall-knisja mibnija qabel il-Kruċjati, u fejn ġiet midfuna r-Reġina Marija, mart ir-Re Baldovinu III, u Kostanza, omm Boemondo III Prinċep ta' Antjokja. Hemm ukoll il-kappella dedikata lil San Ġwakkin u lil Sant'Anna; u hawn fl-1161 ġiet midfuna r-Reġina Melisenda, bint ir-Re Baldovinu I u mart Folco minn Anjou, Re ta' Ġerusalem.

Aktar 'l isfel fejn hemm il-kappella tal-qabar hemm diversi artali li jiġu uffizjati mid-diversi kwalitajiet ta' patrijiet Armeni, Sirjani, li għandhom il-jedd jinqdew bil-Knisja ta' l-Assunzjoni.

X'ħasra li Santwarju bħal dan mhux qiegħed f'idejna l-Kattoliċi. Imma qegħdin fi żmien meta x-xewqa talgħaqda bejn l-insara kollha qiegħda tinħass u titħeġġeġ. Nitolbu 'l Madonna biex taqlagħlna din il-grazzja li ma ndumux ma naraw isseħħ il-għaqda, biex hekk kull nisrani bla ebda tfixkil ikun jista' jaqdi dmiru f'kull ħin u kuljum.

P. MIKIEL CATANIA, o.f.m.

# Santa Katerina ta' Lixandra

JEKK tħares lejn mappa tal-Baħar Nofsani, taħt il-Palestina tara bħal ilsien ta' art li jibqa' dieħel ġewwa l-Baħar l-Aħmar. Dak l-ilsien ta' art igħidulu l-Barr ta' Sina.

Fit-tarf ta' dan il-barr jinsabu tliet iġbla quddiem xulxin. It-tnejn tat-truf bil-Għarbi jgħidulhom Ġebel id-Dejr u Ġebel Katarin. Tan-nofs igħidulu Ġebel Ħoreb. Hawn se nsemmu biss l-iġbla tal-ġnub, għax kif qalu dejjem ir-Rħieb Griegi li jgħammru fihom hemm tinsab midfuna Santa Katerina ta' Lixandra, ġewwa knisja f'nofs Dejr mibni mill-Imperatur Ġustinjanu, għal ħabta ta' nofs is-seklu sitta. Fis-seklu għaxra nkitbet ukoll il-ġrajja sħiħa ta' din il-Qaddisa, u kitibha wkoll wieħed Bizantin jismu Simon Metafraste. Il-ġrajja, fil-qosor, hi din li se ngħidu hawnhekk.

Katerina twieldet f'Lixandra fis-sena 285 Wara Kristu, meta kien Patrijarka ta' dik il-belt San Teona. Sena qabel kien laħaq Imperatur ta' Ruma Djoklezjanu, u ražžan lill-Berbrin li kienu ġejjin u sejrin jaħbtu għat-truf ta' l-Imperu. Bil-mistrieħ li waqa' wara t-trażżin tal-Berbrin, id-Djiena Nisranija, f'Lixandra, kibret u ħadet ir-ruħ.

Il-familja ta' Katerina kienet Pagana, u t-trobbija li trabbiet hi, kienet Pagana wkoll. Meta kibret ftit, marret titgħallem fi skola kbira f'Lixandra, skola mwaqqfa minn wieħed jismu Tolomew Sôter. Katerina kellha moħħha tajjeb u wriet ħila kbira fit-tagħlim ta' l-ilsien Grieg u fil-Filosofija. Għarfet ukoll x'kienet id-Djiena Nisranija mingħand wieħed Râħeb Nisrani, li kienet tħobb titħaddet miegħu, imma baqgħet Pagana. Dak li ġegħilha taqleb Nisranija kienet ħolma, kif se naraw hawn taħt.

Kif kienet rieqda, lejla waħda, Katerina ħolmot li ra mara sabiħa għall-aħħar, li fuq driegħha kellha ifel żgħir ta' ġmiel kbir. Katerina lil dan it-tifel riedet tkelmu, imma hu lanqas biss ma ried iħares lejha. Kull fejn iddurlu kien idurilha, u jaħbi wiċċu fuq sider ommu. Katerina malli stenbħet fehmet li dil-mara sabiħa kienet Mirjam, omm Ġesù, li jemmnu bih l-Insara; għalhekk marret u qalet lir-Raħeb Nisrani fuq li ħolmot. Dak qalilha li Ġeesù ċkejken ma riedx iħares lejha għax kienet għadha pagana.

Katerina, biex terġa' tara mqar fil-ħolm dik it-Tarbija, tgħammdet u saret Nisranija. Dak il-lejl malli raqdet reġgħet ħolmot bil-Mara tal ġmiel, li kellha fuq driegħha t-Tifel ta' l-ew-

wel. It-Tifel din id-darba mhux talli ħares lejn Katerina, imma wkoll libbisha ħâtem f'subagħha bħal għarus lill-għarusa. Hekk Katerina qatgħet għal kollox minn mal-Pagani u baqgħet titgħallem it-tagħlim nisrani fi skola kbira nisranija li kien hemm f'Lixandra, li kienu jgħidulha **Didaskalejon.**

Imma għal ħabta ta' l-aħħar xhur tas-sena 304 Wara Kristu, Djoklezjanu, mogħwi minn wieħed jismu Galerju, li hu kien rabbieħ bħal ibnu, beda jaħqar lill-Insara. Magħhom weħlet ukoll Katerina, għax hi wkoll kienet nisranija.

Il-moħqrija ta' Djoklezjanu ħraxet matul is sena 305, imma hu kellu jinġabar għall-mistrieħ. Il-ħakma Rumija, fis-Surija u l-Eġittu, dak iżżmien kienet f'idejn wieħed jismu Massimjanu Daja, bniedem ta' qalb ħażina li ma kien jaħmel ebda wieħet mill-Insara, u ħalef li jeqridhom. Għalhekk fis-sena ta' wara, 306, ħareġ liġi agħar minn qabel u billi sama' li f'Lixandra kien hemm għadd kbir ta' nsara, telaq minn Qajsarija, fil-Palestina, u mar hemm biex jeqridhom. Ħalli jkun jaf l-Insara min kienu, biex jew jaqilbu Pagani jew joqtolhom, għamel hekk: amar li jsir għid kbir lill-allat Pagani fil-misraħ il wiesa' ta' Lixandra, quddiem il-knisja tagħhom li jgħidulha **Caesareum,** fejn kellhom jindebħu f'ġieħ l-allat 130 tawr. U amar ukoll li għal dal-għid kulħadd kellu jiġi, in-nies kollha ta' Lixandra, u jagħtu qima lill-allat. Min ma jiġix, jieħu l-mewt. Mela, jew tagħti qima lill-allat il-ħżiena, u tiċħad lil Kristu, u tgħix, inkella żżomm ma' Kristu, tiċħad 'l-allat Pagani, u tmut. Hekk, meta ħarġet dil-liġi, u x-xandari ħareġ ixandarha fi rjus it-toroq, wieħed jista' jaħseb f'hiex sabu ruħhom l Insara.

L-Imperatur innifsu, darba mar il-misraħ biex jara b'għajnejh il-ħaddiema u l-imgħallmin iżejnu u jhejju l-meħtieġ għall-għid. Katerina semgħet b'dana, u billi kienet sabiħa, għanja u mħarrġa tajjeb fil-għerf, xejn ma ratha bi kbira li tmur hija nnifisha tkellem lill-Imperatur. Għalhekk kif kien hemm fiċ-**Caesareum,** jarahom iżejnu, talbet li tersaq quddiemu.

Il-għassiesa qalulu biha. Raha mill bogħod u ndehex bi ġmielha u xejrilha b'idu biex tersaq. Resqet, u sellmitlu bħala Imperatur ta' Ruma. L-Imperatur aktarx ħaseb li kien bagħatha missierha biex tistiednu għal xi ikla, imma nixef bil-għaġeb meta fetħet fommha u lumitu bil-kelma t-tajba għall-għemil ħażin tiegħu, li jġiegħel lill-Insara, nies li jħarsu l-omra u ma jagħmlu ħsara lil ħadd, li jagħtu qima lill-allat Rumin u hekk joħonqu l-**kuxjenza** tagħhom. Qaltlu wkoll li kien imissu jistħi, li hu, ras ta' Imperatur kbir, li jidhirlu li hu għaref u mseddaq, jagħti qima lill-allat tal-ħrejjef, allat qattiela, qarrieqa u żennejja, li l-poplu Ruman xejn ma kellu biex jiftaħar bihom. Qaltlu li kien għajb għalih li jimxi wara al lat bħal dawk u jitlaq 'l Alla wieħed, Qaddis u Temm, Alla ta' l-Insara.

Billi Katerina, lill-Imperatur ħasditu, ma għarafx ikellimha. Baqa' sieket għal ftit imbagħad stedinha tmur il-palazz tiegħu biex tkellmu sewwa hemmhekk. Katerina marret, fil-ħin li qalilha u sabet lill-Imperatur imdawwar b'ħamsin filosofu Pagan, imhejjin minn qabel biex iwaqqgħu kull ma tgħid hija. Bdiet it-taħdita, u għal kull ma jgħidu fuq id-Din Nisrani Katerina tweġibhom tweġiba sħiħa. Il-għorrief Pagani bdew jaqgħu wieħed wieħed u jistqarru li kienet qed tgħid sewwa. Riedu jsiru Nsara, u l-Impe-

ratur meta ra hekk, amar li jorbtuhom u jeħduhom għall-mewt. Hekk id dbiħ lill-allat bdieh mill-filosofi tiegħu nnifsu.

L-Imperatur amar lis-suldati li jagħtu s-swat lil Katerina u li jixħtuha l-ħabs. Rajjes il-għassiesa fettillu jkellimha fil-ħabs, u hi bi kliemha qalbitu nisrani. Il-mara ta' l-Imperatur, Wawstina, ukoll semgħet biha u riedet tmur tkellimha, u daħlet il-ħabs bil-moħbi, u hija wkoll qalbet nisranija.

Meta Katerina kien ilha tnax-il jum fil-ħabs, l-Imperatur amar li tinġieb fil-misraħ ħalli quddiem kulħadd tinħaleġ ġewwa makna ħallieġa. Ġiebuha u daħħluha fil-makna, imma malli bdew iħaddmuha, il-makna faqqgħet u tfarket u frakha darab ħafna nies. Qamet agħa kbira fil-misraħ u wisq nies stqarrew li Alla ta' Katerina kien Alla waħdu tabilħaqq, li jagħmel l-egħġubijiet. L-Imperatur amar li Katerina titkeċċa mill-belt, imma wara reġa' bdielu u qabbad lis-sejjief jaqtagħlha rasha. Dan ġara fis-sena 307. U l-**Anġli,** jew aħjar, l-insara, ħadu l-ġisem tagħha u difnuħ fuq Ġebel Sina.

P. ĠUŻ. GOVERNANTI, O.F.M.

# MIN KIENET IL-PENITENTA?

Fil-vanġeli hemm tliet nisa li l-identità tagħhom qajmet u għadha tqajjem ħafna diskussjonijiet. Għax mhux l-ewwel darba fl-istorja tal-qedem insibu l-istess persuna msejħa b'ismijiet differenti, jew bl-istess isem imbiddel xi ftit. Hemm min igħid li l-mara, li kienet midinba, u li daħlet fid-dar tal-Fariżew, fejn Ġesù kien qiegħed jiekol, biex taħsillu saqajh u tidlikhomlu bi fwieħa fina, kienet Marija ta' Betanja u wkoll Marija Maddalena. Imma xi jgħidu l-għorrief kbar tal-lum? X'inhi l-opinjoni l-aktar probabbli? Forsi l-konklużjoni mhix importanti, imma d-diskussjoni li aħna beħsiebna nagħmlu ma tistax ma tagħmilniex familjari ma' l-episodji tal-vanġelu, u fl-istess ħin, tkattar it-tagħlim tagħna fuq dawn l-episodji.

Il-fehma li dawn it-tliet nisa huma tliet nisa differenti kienet dejjem popolari ħafna fil-Lvant, filwaqt li l-fehma l-oħra li dawn jagħmlu mara waħda, ilha popolari fil-punent minn żmien San Gregorju l-Kbir, fis-seklu sitta.

Jekk nistgħux qatt naslu għal konklużjoni ċerta, mhux kulħadd jaqbel; iżda l-fehma ta' l-aqwa mħuħ hija li fil-vanġelu m'hemm ebda tagħrif li jġiegħel lil wieħed jaħseb li mara waħda tidher ħafna drabi taħt ismijiet differenti.

Il-għaliex mela dawn it-tliet nisa ħafna jaħsbuhom l-istess persuna? Is-seba' kapitlu ta' S. Luqa jitkellem fuq mara midinba fil-belt, li bdiet taħsillu riġlejh bid-dmugħ tagħha, u tixxothomlu b'xagħrha, filwaqt li tbushom u tidlikhom bi fwieħa fina. Imbagħad it-tmien kapitlu jibda billi jsemmi lil Marija Maddalena, li minnha Ġesù kien ħareġ seba' xjaten. Dan ifisser li S. Luqa jrid igħid li din kienet l-istess mara tal-kapitlu seba'?

Il-ħdax-il kapitlu ta' San Ġwann, jitkellem fuq Lazzru ta' Betanja, mirraħal ta' Marija u oħtha Marta; igħid ukoll li din kienet Marija li dilket lill-

Mulej bi fwieħa, u mesħitlu riġlejh b'xagħrha.

Biex tagħqad, il-vanġelu ta' San Mattew (Kap 26), u l-ieħor ta' San Mark (14), isemmu dan l-inċident tal-fwieħa, mingħajr ma jsemmu lil Marija ta' Bethanja, u b'hekk juru l-istess anonimità ta' penitenta anonima ta' San Luqa, kap 7.

Imma hemm ħafna x'wieħed jista' jgħid biex iwieġeb kontra din l-evidenza kollha favur it-teorija ta' identità.

Skond din l-oppożizzjoni hemm tliet nisa differenti li huma: il-penitenta anonima ta' San Luqa; Marija ta' Betanja, oħt Marta u Lazzru; u Marija Magdala (skond il-belt tagħha li kienet fil-Galilija), li qasmet ma' Ġesù l-aħħar mumenti ta' ħajtu, taħt is-salib tiegħu, u li mbagħad iltaqgħet ma' l-Imgħallem wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Dawn huma l-argumenti:

L-ewwelnett, il-kelma seba' xjaten hija kelma biblika li ma tfissirx eżattament dak li tgħid, bħal ma aħna mdorrijin ngħidu 'Kien hemm elf bniedem', meta rridun nfissru 'ħafna'. F'dal-każ, il-Bibbja trid tgħid li din il-mara kienet inkwetata mix-xjaten b'mod ikreh, u li Ġesù ħelisha minn dawn ix-xjaten: M'hemm xejn li jgħid li din kienet mara ħażina. Hemm nisa oħra fil-vanġelu, li jingħad li kellhom ix-xjaten mingħajr ma jgħid li kienu midinba, p.e. Luqa 8: 2.

Luqa jitkellem fuq il-midinba penitenta fil-kapitlu 7. It-tmien kapitlu jibda materjal ġdid, u jsemmi lil Marija Maddalena, bħallikieku għall-ewwel darba; qisu qiegħed jintroduċiha fis-suġġett. Ta' min jinnota li d-diviżjonijiet tal-vanġeli f'kapitli saru fis-seki tlettax u sitax, u għalhekk ma kien hemm ebda inervall bejn l-inċident tal-kapitlu sebgħa għall-kapitlu tmienja. Issa nistaqsu, kif setgħet Marija Maddalena tkun il-midinba ta' qabel, jekk wara li fil-kapitlu sebgħa ġiet iddeskrivita fit-tul, ftit wara terġa' tiġi ntroduċuta bħal waħda li qatt ma smajna biha? Imma suppost li fil-kapitlu sebgħa, San Luqa ħeba isem il-Maddalena biex ma jagħmilx ħsara lill-fama tagħha, kif igħidu xi wħud, allura mbagħad, ftit versi wara, San Luqa kien se jikxef kollox u jgħid x'kien isimha?

Iżda jekk diffiċli huwa li tgħaqqad il-persuna tal-Maddalena ma' dik tal-midinba, xejn inqas diffiċli huwa li tidentifika l-midinba penitenta ma' Marijata' Betanja. Betanja qiegħda fin-nofsinhar tal-Palestina, sewwa sew mitt mil 'il bogħod minn Kafarnaum, fejn il-midinba penitenta daħlet fuq l-Imgħallem filwaqt li huwa kien għand il-Fariżew jiekol.

U wara dan kollu anki Magdala, minn fejn kienet ġejja Marija Maddalena (Magdala), kważi kulħadd jaqbel li din kienet belt fuq l-għadira ta' Ġenezzaret, u l-bogħod l-istess mill-belt ta' Betanja. Marija ta' Betanja għalhekk la tista' tkun il-midinba penitenta, u lanqas Marija Maddalena.

B'danakollu aħna naqblu li hemm raġunijiet biżżejjed biex tinħoloq xi ftit tal-konfużjoni għall-ewwel daqqa ta' għajn, speċjalment billi Marija ta' Betanja wkoll dilket lil Ġesù waqt ikla, u li din l-ikla wkoll kienet għand wieħed jismu Xmun. Imma dan l-isem ta' Xmun kien komuni wisq fil-Bibbja, barra li dan kien jismu Xmun l-imġiddem, u mhux Xmun li kien Fariżew. Dan il-bankett kien sar xi sitt ijiem qabel ma Ġesù miet. Imma l-bankett tat-tramuntana tal-Galilija ta' Xmun il-Fariżew, li fih daħlet il-mara midinba, kien sar almenu sena qabel il-passjoni ta' Ġesù.

Marija ta' Betanja kienet ġejja tajba. Hi u oħtha Marta, u ħuhom

Lazzru kienu ħbieb kbar ta' Ġesù. Fil-bankett tagħha, mogħti minn Xmun l-imġiddem, hija ma xerrdet l-ebda dmugħ u baqgħet hemm sa ma spiċċat l-ikla. Imma l-mara l-oħra midinba penitenta, li kienet magħrufa għad-dnubiet tagħha fil-belt, ġiet bħala midinba u bkiet dnubietha, mingħajr ma baqgħet għall-bankett kollu, minħabba li naturalment ma kinetx mistiedna. Għalhekk il-ħdax-il kapitlu ta' San Ġwann jiddeskrivi inċident ieħoor, fi żmien differenti, u fuq mara differenti, minn dik li kienet il-persuna anonima penitenta.

Mela l-konfużjoni hija dovuta għall-fatt li xi wħud iħawdu Marija ta' Betanja ma' Marija Maddalena. Il-bankett fid-dar ta' Xmun il-Fariżew jaħsbuh dak ta' Xmun l-imġiddem. U meta waħda mara tibki għal dnubietha meta tidlek lil Ġesù, jaħsbuh l-istess att ta' mara oħra li mingħajr ma tibki tidlek lil Ġesù bħala sinjal ta' glorja u qima. Il-mara anonima ta' S. Mattew (kap 26) u Mark (kap 14), jaħsbuha l-istess mara ta' S. Luqa (kap 7, il-għaliex it-tnejn dilku lil Ġesù, għalkemm taħt ċirkustanzi differenti kif ġa għidna. Fl-aħħarnett l-influwenza tax-xitan fuq persuna waħda, Marija Maddalena — jaħsbuha li tfisser li din il-mara kienet mara midinba; li mhux hekk bilfors, kif ġa għandha wkoll.

Għalhekk ma nistgħux ma naslux għall-konklużjoni, li l-midinba penitenta li daħlet fil-bankett ta' Xmun il-Fariżew ma tistax tiġi idenfikata ma' Marija Maddalena jew Marija ta' Betanja, imma l-aħjar li tibqa' fl-anonimità li tefagħha fiha San Luqa, bi ħsieb delikat.

*F. Norbert Ellul Vincenti, O.F.M.*

---

**Nota:** Biex tkun tista' ssegwi aħjar dan l-artiklu, ikun tajjeb li issa taqra l-passaġġi li hawn innotati:

Luqa, 7:36-50; Luqa, 8:2-3; Mattew, 26:6-13; Marku, 14:3-9; Ġwanni, 12:1-8; Ġwanni 11:1-2.

# L-EKUMENIZMU FL-ART IMQADDSA

L-Ekumeniżmu fil-Missjunarji Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa ġie mifhum u prattikat wisq u wisq minn qabel il-Konċilju Vatikan II. Biex nagħtu eżempju, araw: Hi, u kienet drawwa sa minn sekli ilu, li fl-aqwa festi reliġjużi tal-Milied u tal-Għid il-Kbir, l-Awtoritajiet Reliġjużi — Patrijarki, Isqfijiet u ħafna Kleru Otodoss jagħmlu żjarat ta' ħbiberija u ta' xewqat tajba sinċieri lir-Rev.mu P. Kustodju ta' l-Art Imqaddsa u lill-Komunità Reliġjuża tiegħu, għalkemm rigward kwistjonijiet oħra, imbagħad, kulħadd jibqa' bil-prinċipju tiegħu fejn kien qabel: dan, ma għandniex xi ngħidu, hu problema li mhux biżżejjed tkun trid tħollu.

Din id-drawwa qadima għadha sejra sal-lum. Fil-Milied li għadda żewġ Patrijarki Ortodossi, Benedictos, Grieg Ortodoss, u Derderian, Armen, flimkien ma' ħafna monaki u kleru ieħor, ġew jagħmlu din iż-żjara ta' xewqat u ħbiberija lill-President Kustodjali. W.R.P. Erminju Roncari u lill-Komunit* ta' San Salvatur.

# IL-KONSAGRAZZJONI U FTUH TAL-BAZILIKA TA' NAZZARET

Is-Soru M. BIANCA CAMILLERI, Franġiskana Missjunarja tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, Matija bħalna, li sa minn 11-il sena ilu qiegħda f'Nazzaret tgħallem fil-"Franciscan Girls' School", bagħtitilna dan it-tagħrif li ġej fuq il-Konsagrazzjoni tal-Bażilika l-ġdida ta' l-Annunzjata, mibnija mill-għol iebes — tikteb Suor M. Bianca Camilleri — il-Bażilika ta' Nazzaret ġiet fl-aħħar mitmuma fil-bini u fit-tiżjin tagħha min ġewwa u minn barra, u ma kienx jonqos ħlief biss li tinfetaħ għall-pubbliku, titbierek u tiġi konsagrata 'l Ala. Dan kien ġie maqtugħ li jsir b'Ittra Ċirkulari tal-



**Il-Bażilika ta' l-Annuzjata u tal-kbir misteru ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin f'Nazzaret, li ġiet ikkonsagrata u miftuħa għall-pubbliku fil-25 ta' Marzu li għadda.**

ħeġġa devota tal-Patrijiet Franġiskani Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa, megħjunin mid-devoti tad-dinja kattolika, għall-akbar ġieħ tal-Madonna u tal-Kbir Misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, imwettaq Fiha.

Wara disa' snin ta' ħidma u xo-W. R. P. Erminju Roncari, President tas-Santa Kustodja (il-lum Rev. mu P. Kustodju), fil-jiem 23, 24 u 25 ta' Marzu li għadda. Għal din il-kbira ġrajja, il-President Kustodjali, P. Roncari, stieden biex imexxi l-funzjonijiet kbar u solenni, lill-Eminen-

za Tiegħu l-Kardinal Garrone, lill-Patrijarka ta' Ġerusalem, Mons. Gori, lill Isqfijiet kollha tal-Palestina u lil ħafna kbarat oħra, ċivili u reliġjużi. Ir-Rev.mu Ġeneral ta' l-Ordni, P. Kostantinu Kozer, O.F.M., flimkien mar-Rev.mu P. Kustodju, kien ir-Ras tal-ġgajta tal-ġemgħa kollha li ħadet sehem fil-funzjonijiet. Għal din l-okkażjoni ma naqsux il-pellegrini, li ġew b'għadd kbir mid-dinja kollha. Il-funzjonijiet saru b'dan l-ordni, li sa ngħidu:

F'jum il-Ħadd — 23 ta' Marzu — il-funzjoni b'Konċelebrazzjoni kbira mill-Kardinal flimkien ma' l-Isqfijiet u saċerdoti oħra. Funzjoni ligħaxxqet u paxxiet tassew lil kull min kien hemm preżenti!

F'jum it-Tnejn — 24 ta' Marzu — il quddies kollu sar fil-Bażilika. Kien jum ta' xita, imma n-nies ma qatgħux qalbhom: il-Bażilika kienet dejjem mimlija. Fil-11 a.m. ir-Rev.mu P. Kustodju Erminju Roncari O.F.M., ikkonsenja d-diplomi u midalji tal-Bażilika lill-artisti, skond is-sehem li kellhom fi-bini u fit-tiżjin u f'beneme-



**Suor Maria Bianca, Franġiskana f'Nazzaret, ma' Sorijiet Franġiskani u ta' Ordnijiet oħra reliġjużi f'Nazzaret.**

fid-9.30 a.m. il-funzjoni bdiet bid-Daħla Solenni fil-Bażilika ta' l-Eminenza Tiegħu l Kardinal Garrone ma' sitt Isqfijiet ta' Rit Orjentali, li kellhom jieħdu sehem miegħu fil-konsagrazzjoni, u għadd ieħor kbir ta' saċerdoti, u xi nies mistednin ukoll. Fl-10 bdiet il-Konsagrazzjoni tal-Bażilika u ta' l-artali. Il-Konsagrazzjoni hi ċerimonja twila ħafna li damet sejra san-12.30 p.m. Kull Isqof ikkonsagra artal, il-bqija l-Kardinal, u ntemmet reziji oħra tal-Bażilika, preżenti r-Rev.mu P. Ġeneral ta' l-Ordni, ħafna saċerdoti, reliġjużi u sorijiet.

Wara nofsinhar, imbagħad, inbdiet il-festa ta' l-Annunzjata bid-Daħla Solenni tal-Beatitudni Tiegħu, il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalem, Mons. Albertu Gori, O.F.M. Kien jum ta' xemx qawwija, li li mela lil kulħadd bid-dawl u l-ferħ. Trid tara — kitbet hawn Suor Bianca — x'korteo, x'laqgħa u x'dehra sublimi! Stħajjiltni

qiegħda fil-Vatikan, f'Ruma! Tisma' dak il-kant ħelu qisu nieżel mis-sema u jimla bil-ferħ lil kulħadd. Tkanta fl-aħħar it-'De Deum Laudamus', ingħatat il-Barka u aħna, wara li morna nbusu idejn il-Patrijarka, qagħadna ftit nistrieħu.

F'jum it-Tlieta — 25 ta' Marzu — JUM IL-FESTA: Fl-10 a.m. daħla tal-Beatitudni Tiegħu l-Patrijarka Albertu Gori, O.F.M., għal Pontifikal kbir tal-festa ta' l-Annunzjata, bl-assistenza ta' l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Garrone u Isqfijiet oħra. Il-kant kien xi ħaġa sublimi u mill-aqwa: xogħol l-imsemmija Schola Cantorum ta' l-Art Imqadtsa.

Wara nofsinhar imbagħad, fis-6, saret il-proċessjoni solenni b'sekulari u regolari u għaqdiet reliġjużi u ċivili, u popolazzjoni bla għadd, kulħadd bix-xama tixgħel f'idejh u l-kant ta' 'AVE MARIA CLEMENS'. Xena tal-Ġenna li siltet id-dmugħ ta' faraġ minn għajnejn kulħadd. Meta daħlet il-proċessjoni fil-Bażilika ħarġet il-Quddiesa Solenni konċelebrata mir-Rev.mu P. Ministru Ġeneral ta' l-Ordni flimkien ma' 40 Patrijiet Franġiskani li spiċċat fit-8 p.m.

Jum l-Erbgħa — 26 ta' Marzu — kien egħluq il-festi. Din saret fil-pajjiż tax-xtajta ta' AKRI, fejn kien żbarka SAN FRANĠISK TA' ASSISI, 750 sena ilu. Biex ifakkar din il-ġrajja l-Gvern biddel l-isem ta' triq li qiegħda ħdejn il-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani u semmiha "ST. FRANCIS OF ASSISI STREET". Għall-inawgurazzjoni ta' din it-tifkira kien preżenti r-Rev.mu P. C. Kozer, Ministru Ġenerali ta' l-Ordni, ħafna Patrijiet u Sorijiet u poplu bla għadd.

Hekk intemmu l-festi ta' l-inawgurazzjoni, tberik u konsagrazzjoni tal-Bażilika l-ġdida li, wieqfa f'nofs il-belt tal-"WARDA TFEWWAĦ", tibqa' tgħanni u ssemma' l-għana ta' radd il-ħajr, tifħir u qima lil Marija bla ebda tebgħa u lill-Verb Etern li fiż-żmien tlaħħam hemmhekk.

LAUS DEO ET IMMACULATAE
VIRGINI MARIAE.

## IL-MISSJONI TAL-QABAR TA' KRISTU

Dawk kollha li jkunu jridu jgħinu l-missjoni ta' l-Art Imqaddsa jistgħu jagħmlu dan billi jinkitbu fl-**"Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu"**, għand il-Patri Kummissarju tat-Terra Santa (Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt — Tel. C. 25842). L-imseħbin ikollhom sehem minn għadd kbir ta' quddies li ta' kuljum jiġi ċelebrat fis-Santwarji għeżież tal-Fidwa tagħna fl-Art Imqaddsa; u sehem ukoll minn dawk l-opri kollha ta' karità u ta' penitenza li jsiru fil-Palestina, kif kien ta l-Papa Pawlu IV.

* * *

## L-INDULGENZA TAL-PARZJUNKLA (2 ta' Awissu)

Din l-Indulġenza tal-Parzjunkla biex tintrebaħ jinħtieġ li wieħed ta' kull darba jidħol fil knisja jgħid: **Il-Missierna, Kredu,** u mbagħad, **Missierna, Sliema** u **Glorja** għall-fehma tal-Papa.

Skond il-liġijiet ġodda ta' l-Indulġenzi, din l-Indulġenza tal-Parzjunkla hi Plenarja **darba waħda biss;** għal kull viżta oħra hemm Indulġenzi Parzjali.

Il-viżti jistgħu jsiru fil-knejjes tat-tliet Ordnijiet Franġiskani u fil-Knejjes Parroċċi kollha.

## IL-QADDEJJA TAL-MULEJ

# PAWLINA TAL-MARKIZI DE NIKOLAY

### BENEFATTRIĊI KBIRA TAS-SANTWARJU TA' EMMAWS U TA' L-ART IMQADDSA

(*Jissokta ma' l-għadd ta' qabel*)

Wara li l-qaddejja tal-Mulej kienet għaddiet 17-il sena fit-talb u fiċ-ċaħda tagħha nfisha fis-Santwarju u fejn l-Għarus Divin kien ħabbrilha u wriha x'kellu jgħaddi minnha, hi kienet issa, minn ħin għal ieħor tistenna li tibda tagħti bidu għat-twettieq ta' dik il-missjoni li sa minn ċkunitha kienet għaliha magħżula.

Dak it-twajjeb u misterjuż pellegrin kien qalilha li hi kellha tmur fil-Palestina... li hu nnifsu kellu jmexxiha u jwassalha biex tiltaqa' ma' Kristu Feddej... Iżda kellha tistenna, kellha iva,... tistenna.

U kienet ilha tas-sew tistenna, l-imsejkna Pawlina... u kien donnu beda jidhrilha li kull tama tagħha sejra tisfa fix-xejn. Imma, sewwasew, biex f'Pawlina tidher iktar u biss ir-rebħa tar-Rieda t'Alla, l-opra tal-grazzja, l-mistennija tal-wetqa tagħha kienet twila, mbixkla, ta' niket kbir: aktar milli misterjuża għad-dehen tal-bniedem, imdawla u tiddi għall-bniedem qaddis li għex bl-Emmna, bil-Fidi.

Pawlina ġiet milquta minn marda f'għajnejha, kbira u ta' tiġrib, li ġegħlitha tħalli l-monasterju u tmur mill-ġdid għand il-familja tagħha biex tagħmel li jinħtieġ biex ma titlifx għal kollox id-dawl. Missierha ħa lil din bintu, li hu kien hekk iħobb, fil-belt ta' Leone, f'Lozann, f'Berna f'Zurik, u f'Kollon għand l-aħjar u l-aqwa tobba u professuri magħrufin ta' dak iż-żmien. Dawn għamlu dak kollu li setgħu biex ifejquha, iżda kollox kien għal xejn. Hu l-Mulej li għoġbu jinqeda b'din il-marda ta Pawla u b'dawn il-vjaġġi tagħha biex jeħodha hekk fil-bogħod, fejn sewwasew kien għażlilha kif u fejn kellha twettaq il-missjoni li għaliha kien ħatarha.

U l-Mulej, fil-vjaġġ twil tagħha, mexxiha hekk: (1) L-ewwel għas-santwarju tal-Madonna ta' Salette fi Franza, fejn id-devota Pawlina, waqt it-talb imħeġġeġ tagħha, l-Mulej għarrafha li 'kellha tgħix ħajja moħbija u fl-aħħarnett midfuna f'dik l-art li fiha bata Gesu'; (2) Fid-29 t'Ottubru 1850 fis-santwarju ta' Einseideln (fi Svizzera) ġeddet lilha nfisa f'għerusija għal kollox ma' Gesu', għarus divin, fil-waqt li qegħdet il-voti u l-wegħdiet tagħha fl-idejn ta' bla ebda tebgħa Marija, Omm divina; (3) Fil-25 ta' Marzu 1852, fis-santwarju tal-Madonna ta' Fourvieres (fi Franza), fejn talbet lil Marija l-grazzja li tista' tasal taħsel bid-dmugħ u ssaqqi b'demmha dik lart imbierka li ġiet imqaddsa u konsagrata bid-dmugħ u bit-tixrid ta' demm ta' Binha Ġesu', Feddej tad-dinja; (4) Imbagħad mill-ġdid fis-santwarju ta' Ensiedeln, f'riġlejn Marija.

Iżda, Ħamis ix-Xirka ta' l-1853, kien il-jum tal-wetqa għall-appostla seraflka tagħna Pawlina de Nikolay. F'ħin ta' dawl divin ta' l-akbar karità li qatt kellha bħalu, twiegħed lil Ġesù —

għarus divin tagħha — li malli missierha jħalliha, titlaq kollox u tterraq dlonk għal dik in-naħa fejn Hu, Feddej tad-dinja, kien bierek u kkonsagra bid-dehra tiegħu u li timxi warajh, pass, fit-triq tal-Kalvarju u , kemm jista' jkun, tixxiebaħ it-tbaxxija, fit-tbatija u fil-faqar...... F'dak il-jum li qatt ma jintesa' hi wegħdet 'l Alla bil-qawwa kollha ta' qalbha... "li ma jkollhiex pajjiżha ħlief dak li kien hu ukoll tiegħu..."

batha u lil pajjiżha, kienet tassew sollenni u ta' bla ebda tfixkil.

F'Ruma malajr qalgħet 'udjenza privata' minn dak l-anġlu Papa Piju IX, li fit-taħdita tiegħu magħha dlonk għaraf li dik l-umli u devota pellegrina li kellu quddiemu, hi ħlejqa kollha kemm hi t'Alla, msejħa mis-sema għall-missjoni speċjali fl-Art Imqaddsa. Il-Qaddis, Piju IX fittex kemm seta' ifarraġha bħala missier; qallha kliem ta' l-akbar ħeġġa, wettaqha fi ħsibjiietha u



**Il-Qaddejja tal-Mulej, 'Pawlina tal-Markiżi De Nicolay, fil-wasla tagħha f'Ġerusalem.**

Fil-belt ta' Kolonn, fejn hemm il-fdalijiet jew relikwi tal-imqaddsa Slaten Magi, Pawlina talbithom b'ħeġġa liema bħalha sabiex igħinuha u jħarsuha matul il-vjaġġ twil u ta' tiġrib li kienet f'qasir żmien se tagħmel.

U hekk Pawlina fit-22 ta' Lulju 1854, imbierka mill-maħbub missierha, telqet għal Ruma. L-aħħar tislima qabel it-tluq tagħha lil Missierha, lil qrataha l-Barka tiegħu apostolka, lilha u f'dak kollu li kellha f'rasha li temm fil-missjoni li għaliha ħatarha l-Mulej għall-ġid ta' l-Art Imqaddsa.

Minn Ruma l'appostla Pawlina marret l-ewwel iżżur il-Palestina, Serafika, Assisi, fejn kellha ħafna għotjiet mis-Sema; minn Assisi telqet għas-santwarju tal-Madonna ta' Luretu — Nazzaret ta' l-Europa — fejn Pawlina, b'sinjal

tal-kbira mħabba tagħha lejn Alla, ġiet mogħnija bil-pjagi ta' Ġesù Msallab; u fit-2 ta' Mejju 1858, Pawlina — il-mistika kroċifissa — fuq mirkeb fl-aħħarnett qabdet il-baħar...

Kienu għaddew diġa' 43 sena minn meta Pawlina de Nicolay kellha l-ewwel aħbar tal-missjoni tagħha fil-Palestina; qisu nofs seklu qabel!... Ruħ mhix imwiezna minn Emmna qawwija żgur li kienet tiddubita mill-verità ta' dak it-tnebbiħ, ta' dawk l-aħbarijiet ta' dawk il-wegħdiet li kellha sa minn ċkunitha . . . u fl-età tagħha ta' 47 sena kienet żgur ittajjar kull ħsieb u ma kinetx żgur taqbad vjaġġ hekk twil u fl-istess ħin ukoll ta' tiġrib.

Il-Qaddisin, iżda, mhux hekk jaħsbu fuq il-ħwejjeġ t'Alla. Huma dejjem bħala għodda f'idejn Alla ma jibżgħux mit-tifxil, ma jitilfux is-sabar u jaqtgħu qalbhom mal-mogħdija taż-żmien, imma jafu jistennew, dejjem imħejjin biex jagħmlu r-Rieda tas-Sema f'kull siegħa u f'kull ħin tal-jum li Hu jridhom salħin saħansitra ta' qabel mewthom.

Fl-14 ta' Mejju ta' dik l-istess sena 1858, it-twajba u mħeġġa Pawlina tal-Markizi Nikolay, pellegrina mmexxija minn Alla, waslet fl-Art Imqaddsa; setgħet, għalhekk, tinxteħet għarkobtejha tqim dawk l-Imkejjen Imqaddsa maħsulin u kkonsagrati bid-demm ta' Għarustha Ġesù, u tagħti bews ta' mħabba fejn rifes u bierek Ġesù tagħha; setgħet iva, fl-aħħarnett, tħoll ilsienha u tgħanni l-innu ta' ħajr minn qalbha lill-Mulej u bil-kliem tal-Profeta Għannej tgħid: *"Kemm sbieħ u ħelwin huma l-għamajjar Tiegħek, O Mulej, Alla ta' l-eżerċti; ruħi nħossha tinħall bilbtieħi ta' Alla Sidna!... Ħenjin dawk li jistgħu joqgħodu jgħammru f'darek O Mulej, li jfaħħruk għall dejjem".*

F'dak il-jum tal-wasla tagħha fl-Art Imqaddsa hi kienet tabilħaqq ħienja, għax rifset fuq dik l-Art Imqaddsa lilha mwiegħda minn ħafna snin qabel, u għax fl-aħħarnett setgħet tagħti bidu għal dak l-apostolat hemm, sewwa sew, fejn Kristu nnifsu kien ħadem u temm il-fidwa tad-dinja.

U hawn, baħar bla qies ta' ħsus ta' emmna, ta' tieba, ta' tama u wkoll fl-istess ħin, ta' uġigħ il-qalb u ta' niket għafsu 'l ruħha f'dak il-ħin ta' ferħ u hena; u donnha qegħdin narawha, maħruġa barra minnha nfisha, quddiem il-belt ta' Ġerusalemm, b'dirgħajha miftuħa bħallikieku trid tħaddanha magħha b'tgħannieqa ta' imħabba u karità evanġelika biex lil dik il-belt qattiela tlaqqam u tnissel fiha xrara minn dik il-ħajja, tqanqila minn dik l-imħabba ħanina, li l-istess Feddej Divin, Iben t'Alla-Bniedem, kien offrielha mill-qalb tiegħu ħanina, u li hi ma kinetx laqgħet, anzi li kienet maqdret, stmerret u barret minnha!!!

Din il-ħelwa pellegrina kienet il-Qaddejja tal-Mulej, Pawlina tal-Markizi Nikolay, li ħajjitha ma kinetx ħlief pellegrinaġġ twil u veru maqtugħ biss minn xi ftit waqfien qosra 'l hawn u 'l hemm, imma wkoll kollha kemm huma waqfien miktubin fir-rieda t'Alla u b'sinjali li ma jitħassrux ta' tieba, ta' virtù u ta' erojiżmu tal-Qaddejja tal-Mulej Pawlina ta' Nikolay.

Iżda, dak li l-aktar jgħolli, dak li l-aktar juri fid-deher, dak li l-aktar ifakkar għal dejjem u jagħmel li ma jiġi mħassar jew minsi qatt l-isem ta' Pawlina tal-Markizi Nikolay hu l-ksib u r-riskatt (fidwa) tas-Santwarju Evanġeliku ta' EMMAWS: għal din il-kisba tas-Santwarju ta' Emmaws, Alla nnifsu kien mexxa l-passi kollha tal-maħbuba qaddejja tiegħu.

U hemm, f'Emmaws, ukoll, kellha tagħmel Pawlina l-aħħar waqfa fil-pellegrinaġġ ta' ħajjitha: isimha kellu

jiġi marbut għal dejjem mal-kbir Santwarju tal-manifestazzjoni ta' Kristu Rxoxt, billi hemm ħalliet ġisimha fil-mistennija tal-qawma minn bejn l-imwiet u, jekk inhi fir-riedá ta' Alla, ukoll tal-glorifikazzjoni tagħha fi ħdan il-Knisja Kattolika.

(*Jissokta*)

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## MEXXEJ ĠDID GĦALL-KUSTODJA TA' L-ART IMQADDSA

B'Ittra Ċirkulari tas-16 ta' Mejju li għadda, is-Segretarju Ewlieni tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, ħabbrilna b'ferħ kbir li fl-14 ta' l-istess xahar ta' Mejju, id-Definitorju Ġenerali ta' l-Ordni ħatar b'KUSTODJU TA' L-ART IMQADDSA u GWARDJAN TAL-GĦOLJA TAS-SIJON, IR-REV.MU P. ERMINJU RONCARI, O.F.M.

Fuq P. Erminju Roncari aħna diġà konna tkellimna fil-għadd Nru. 4 tas-sena li għaddiet (1968), billi fl-aħħar Kapitlu tal-Kustodja kien ġie magħmul President Kustodjali u kellu jmexxi l-Kustodja għal matul il-marda twila ta' l-ex-Kustodju, ir-Rev.mu P. Alfons M. Calabrese. L-imsemmi P. Roncari hu bniedem ta' dehen u ta' ħila kbira, hu iben il-Kustodja li għaliha dejjem ħadem bl-akbar zelu. Bit-tmun f'idejn bniedem bħal dan ma jistax ikun li l-missjoni ta' l-Art Imqaddsa ma tmurx 'il quddiem.

Aħna li nafuh biżżejjed tajjeb, f'isem din ir-Rivista tagħna u f'isimna, nifirħulu minn qalbna; u nitolbu lill Mulej jagħtih bil-grazzja u bil-kariżmi meħtieġa sabiex jagħraf imexxi dik l-ewlenija Missjoni ta-Knisja Kattolika u l-ġawhra tal-Missjonijiet Franġiskani.

* * *

## EGĦLUQ IT-TMENIN SENA TAL-PATRIJARKA TA' ĠERUSALEM

Fid-9 tax-xahar ta' Frar li għadda, il-Beatitudni Tiegħu, il-Patrijarka ta' Ġerusalem, Albertu Gori, O.F.M., għalaq it-80 sena tiegħu. Għal din l-okkażjoni l-Papa Pawlu VI bagħatlu tifħir u barka speċjali. Il-Patrijarka Albertu Gori, għalkemm għandu dan iż-żmien kollu, jidher qawwi u sħiħ, mimli bl-għerf u bl-esperjenza, u jista' jħares lejn iż-żmien tal-ħajja u tal-ħidma tiegħu mgħoddija fix-Xerq b'għoġba u faraġ kbir.

F'pajjiż għaqquxi, fejn qatt ma hemm sliema u kwiet, Mons. Gori kien għal żmien twil Kustodju ta' l-Art Imqaddsa u mill-1949 sal-lum Patrijarka ta' Ġerusalem. F'dan iż-żmien tiegħu: inbnew 18-il knisja; 29 skola; 18-il residenza għas-sorijiet tas-SS.mu Rużarju; u dejjem kellu kura speċjali għall-mixi 'l quddiem tas-Seminarju, li mill-1949 sal-lum ħarġu minnu 39 saċerdot.

F'isem il-ħbieb kollha tar-Rivista tagħna "Leħen l-Art Imqaddsa" nagħmlulu x-xewqat tagħna għal ħajja itwal u dejjem għammiera ta' ġid.

## IT-TURIŻMU FL-ART IMQADDSA

Kif għarraf l-"**Information of Israel**", fl-1967, it-turisti fl-Art Imqaddsa waslu fil-għadd ta' 291,000: il-wasla tagħhom naqset imbagħad il-għaliex f'Ġunju ta' dik is-sena qamet il-gwerra bejn l-Għarab u Iżrael. Fis-sena ta' wara, 1968, l-għadd ta' turisti kiber aktar minn qabel il-gwerra, u waslu sa 432,000, li minnhom 145,000 kienu Amerikani. Fost dawn għandu wieħed iqis li l-Insara kienu ħafna ftit, għax ta' sikwit jagħmlu dan il-vjaġġ aktarx bħala żjara ta' karattru ta' għarfien soċjali u politiku milli bħala pellegrinaġġ reliġjuż fl-art ta' Ġesù.

Il-Ministru tat-Turiżmu f'konferenza stampa stqarr bil-miftuħ: Iżrael fl-1969 jista' jilqa' 600,000 turist, li jħallu qligħ għat-Teżor aktar minn mitt elf dollaru, basta li l-qagħda fil-Palestina ma titgħarraqx iżjed u tkun ta' qtiegħ il-qalb għat-turisti.

# X'JISWA LI TMUR PELLEGRINAĠĠ FL-ART IMQADDSA

San Pier Damiani, li għex fis-seklu XI, l-ewwel Monaku u mbagħad Kardinal tal-Knisja Kattolika, hekk mar jikteb lill-Markiż Ranieri: "Jiena amartlek bħala penitenza għal dnubietek tmur żawwari (pellegrin) f'Ġerusalem biex traqqad il-Ħaqq tal-Mulej billi tagħmel dak il-vjaġġ twil. Iżda inti, b'danakollu, aktarx mingħajr ma lanqas taf, x'se jsir minnek għada, dejjem ittawwal minn jum għal ieħor u, minħabba l-biża' li tagħmel dak il-vjaġġ, ma tfittix li tqiegħed lilek innifsek fiż-żgur u tkun żgur minn ruħek, mingħajr ma tiftakar dak li għandna miktub: "Min jibża' mir-riħ, ba jiżra' qatt, u min joqgħod jibża' mix-xita ma jaħsad qatt" (Ekkl. 11, 4). Drawwieti hi: nagħti penitenza mhux lil kif wieħed ikun jixtieqhom, u wisq anqas kif wieħed jitlobhom.

"Sirt naf minn wieħed minn sħabi, ir-raħeb Rikkardu, li ftit żmien ilu, tmint irġiel li kienu ġejjin lura bil-mixi minn pellegrinaġġ fil-Palestina, kien ilhom ma jieklu erbat ijiem u kienu se jmutu bil-ġuħ. Bdew jitolbu 'l Alla, li joħloq ikel lil min ikun bil-ġuħ (Salm 135, 25). Kif temmew it-talb sabu quddiem għajnejhom fl-art ħobż sabiħ u mill-aktar bnin.

"Ukoll dak ħuna l-ieħor Bonizone, waqt li kien ġej lura minn Ġerusalem, qabditu fuq il-mirkeb tempesta qalila, li kien donnu se jegħreq. Tfarrak il-mirkeb u mietu sħabu kollha; hu imma, qabad ma' xkora mimlija bil-pezez tal-ħarir, u għal tlitt ijiem issielet mal-mewġ. Fl-aħħar imma ġie merfugħ minn xi baħħara. U hekk, dak li darba salva lil Pawlu (Atti, 27, 23; 2 Kor. 11, 25), salva wkoll lil dan ħuna Bonizone.

Inti, għalhekk, meqjum Sinjur Markiż, ftakar f'dawn l-eżempji u itma fil-Mulej u mhux f'qawwietek; u Alla jħarsek minn kull għatx fil-pellegrinaġġ tiegħek."

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

FLORIANA — Antonio Polidano, Caterina Cilia, Salvatore Muscat, Roża Rizzo, Vittoria Pace, Alfredo Trapani, Charles Hall, Paolo Ellul, Antonia Spiteri, Charles Hedley; Robert Bonnici, Amalia Trapani, John u Lino Trapani, Lino Cremona, John Demarco, Salvina Trapani, Anthony Spiteri, Maria Trapani, Pietro Vizzari, May Muscat, Francis Parisi, Alice Hedley, Maria Anna Rizzo.

VITTORIOSA — Caterina u Paolo Grima, Carmela Grech, Emmanuele Gianpatist u Giovanni Grima, Vincenza u Ġorġ Gauci, Lewis, Alessandru u Franz Grech, Grace u Paola Grima, Josephine Aquilina, Carmela, Joseph, Tereża, Josephine u Romeo Pace, Alessandro Pace, Carmela Aquilina, Joseph Pace, Rożina Agius, Lwiġi Busuttil, Venera Cortis, Emmanuele Bugeja, Giuseppe Hili, Maria Anna Fenech, Willy u Roża Gauci Nerik u Rose Gauci, Salvu Gauci, Salvu Zammit, Assunta u Emmanuele Formosa, Francesco u Lucrezia Caruana, Giuseppe Barbara, Giovanni Brincat, Lorenza Brincat, Giuseppe u Carmela Saliba, John Mary u Mary Rose Zammit, Melita u Joseph Portelli, Bertu Zammit, Ruġġieru Saliba, Felicia Grech, Toni Saliba, Giuseppe Hili, Jimmy Brice, Lorenza Darmanin, Salvu Zammit, Giuseppe Spiteri, Dolores u Adelaide Spiteri, Maria Micallef, Concetta Gatt, Giuseppe Borg, Salvu Gauci, Carmelo, Rosina, Antonio, Censina Cauchi, Giuseppe, Lorenza, Maria Hili, Manwel Seguna.

SLIEMA — Ulisse Azzopardi, Domenica Azzopardi, Melania u Giuseppe Psaila, Josephine Debono, Evelyn Warrington, Carmela u Walter Steel, Carmelo, Rożina u Toninu Pace.

NAXXAR — Giovanna, Duminku u Rose Muscat, Giuseppa Dimech, Vincenza Borg, Adeodata Cutajar, Angela Zammit, Carmela Fenech, Gio Maria Borg, Anġlu Cilia, Ġeorge Zammit Maria Dimech, Salvatore, Giuseppe u Carmelo Debono, Salvu Fenech, Grazia Galea.

COSPICUA — Stella Caruana, Nazju Chircop, Gaetana Geret, Michelina Camilleri, M. Stella Caruana, Emmanuele Bugeja, M.i Anna u Luigi Fenech, Paolo u Paolina Bugeja, Willy u Roża Gauci, Neriku u Roża Gauci.

KALKARA — Raffaele u Ġużi Mirabitur, Gregorio u Luis Suban.

MARSA (Madonna Regina Munsi) — Lina u Rosalia Farrugia, Fortunatu u Angelo Micallef, iJoseph Pullicino, Caterina u Edwin Richman, Giuseppe Agius, Cettina Sultana, Carla Camilleri, Mananni Caruana, Ġanni Cascun, Franz Camilleri, Ronny Cutajar, Ġuża Mizzi, Maria Mizzi, Rożaria Chircop, Paolo u Francesco Pace, Stella u Ġanni Pace, Maria u Ferdinandu Dimech, Benigno, Vittoria u Salvinu Galea, Nicola u Carmela Farrugia, Salvu Said, Romeo u Maria Cutajar, Rożina u Pawlu Pace, Ġuża u Franco Bartolo, George Scicluna, Ġużi Galea, Carmelo u Leli Zammit, Paolo u Carmelo Testa, Caterina u Ġużi Debono, Carmelo u

Carmela Borg, Miriam Fenech.

ŻEJTUN — Domenica, Giovanni u Carmelo Cassar, Filippa, Angela u Orazju Ellul, Caterina Desira, Vincenzo Tabone, Ġuża Sinagra, Carmelo Tonna, Ġuża Mangion, Grezz, Ġużi, Grezzju Maria u Nina Seychell, Angelo Gatt, Marianna Portelli, Francesca Tabone, Loretu, Miriam u Wenzu Cutajar, Maria D'Emanuele, Maria Scerri, Roża Abela.

SANTA VENERA — Michele, Rosina u Emmanuele Spiteri, Stella Billion, Maria Muscat.

LUQA — Carmelo, u Giovanna Formosa, Agnes, William, Robert, Henry Booker.

RABAT (Knisja ta' Ġieżu — Pinu u Lieni Portelli, Carmelo u Carmela Chetcuti, Gaetano Chetcuti Carmela u Felice Camilleri.

VALLETTA (San Pawl) — Joseph Ellul, John Buttigieg, John Harding, Arturo Buhagia, Maddalena Aquilina, Beatrice Spiteri, Marianna Attard, Michelangelo Attard, Carmela u Tereża Attard.

VALLETTA (Knisja tal-Ġiżwiti) — Paolo Frendo, Carmelo Frendo, Emmanuele Azzopardi, Agnese Axisa, Concetta Vassallo, Beatrice Aquilina, Elisabeth Buhagiar.

VALLETTA (Knisja ta' l-Erwieħ) — Tereża u Salvu Farrugia, Annetta Grech, Carmelo, Giammaria u Carmela Ellul, Giuseppe Galea, Grazia, Nazzarenu u Salvatore Galea, John u Carmel Barbara, Annetta u Carmelo Cuschieri, Rosaria Spiteri, Rosaria Seychell, Salvatore Vella, Riccardo Laurenti, Carmelo u Melita Buttigieg, Francesco, Carmelo, uCaterina Camenzuli, Flora, Antonio, Arturo, Maria u Stella DeGiovanni, Luigi, Ġużi, Marianna, Ġużeppa u Carmela Frendo.

SIĠĠIEWI — Angelo u Carmen Delia, Vincent u Vittoria Vassallo, Maria u Saverio Calleja, Joseph u Manwela Falzon, Carmela Xerri, Baleno u Maria Curmi, Joseph u Giovanna Gatt, Pietro u Ġużeppa Borg, Mario Camilleri, Giuseppa Cilia, Carmen u Nina Azzopardi, Giuseppe u Filippa Caruana, Giuseppe u Pietro Cachia, Nicola u Caterina Azzopardi.

BIRKIRKARA — Carmelo Camilleri, Giuseppa Camilleri, Margerita, Francesco u Giovanni Debono, Aħwa Kenedy, Maria Dolores u Ġerardo Agius, Congiunti Mifsud.

ĦAMRUN — Victor Galea, Rożina Mangion.

MARSA (SS. Trinità) — Carmela u Francesco Pace, Doris Grech, Anthony Grima, Jane Brincat, Giovanna Gatt, Luigi, Caterina, John, Mose u Giuseppe Saliba.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ — Giuseppe Vella, Marianna Bonnici.

MSIDA - PIETA' — Carmelo Galea, Mary Galea, Antonio Galea, Carmela Orr, Anton Naudi, Rosaria Casha, Leli Casha, Eva Galea, Maria Catuffo.

ĦAD-DINGLI — Luigi Azzopardi, Maddalena, Angelo, Carmela, Luigia u Maria Azzopardi, Giuseppe u Anġlu Attard.

GŻIRA — Cyril, Charles, Tony u Rosario Abela, Ġużi, Rożina u Tony Borg, Giuseppa u Giuseppi Frendo, Edward Pillow, Joseph Psaila, Vincent, M. Stella Fabri, Manwele, Grazia Xuereb, Maria u Giovanni Fenech, Antonio Xuereb, Ġuża u Antonio Mifsud, Maria Sghendo, Anna Borg, Carmela, Ġużeppi u Manwele Sghendo, Lorenza Sammut Meruzzi, Nicola Micallef, William Turner, Ġuża Bugeja, Vincenzo u Manwel Tonna.

SAN LAWRENZ (Għawdex) — Maria Anna Cassar, Luigi Caruana, Grazia Cremona.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*